# Is-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol jolqtuna lkoll

## Tajbin għalik
## Tajbin ghall-kummerc




# Elementi essenzjali fl-evalwazzjoni tar-riskji

Maniġment tar-riskju
Protezzjoni tas-saħħa
Titjib fin-negozju
POST TAX-XOGĦOL AĦJAR GĦAL KULĦADD

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL



# Is-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol jolqtuna lkoll

## Tajbin għalik
## Tajbin ghall-kummerc

# Il-werrej


PARTI I: INFORMAZZJONI BAŻIKA
X'inhu periklu? X'inhu riskju? 4
Għaliex għandi nagħmel evalwazzjoni tar-riskju? 4
Kif nista' nagħmel evalwazzjoni tar-riskju? 4
Kif għandi nuża din l-għodda? 5

PARTI II: L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU – ĠENERALI
Pass 1: X'informazzjoni għandi niġbor? 6
Kif nista' niġbor din l-informazzjoni? 6
Pass 2: Kif nista' nidentifika l-perikli? 7
CHECKLIST – ĠENERALI 8
Pass 3: Kif nista' nivvaluta r-riskji li jinqalgħu minħabba dawn il-perikli? 9
Pass 4: Kif nista' nippjana azzjonijiet sabiex nelimina jew innaqqas ir-riskji li jinqalgħu minħabba l-perikli? 10
Pass 5: Kif għandi niddokumenta l-evalwazzjoni tar-riskju tiegħi? 10

EŻEMPJU TA' FOLJA GĦALL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU 11

PARTI III: IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI – ĠENERALI
Lista' ta' kontroll nru 1: Uċuħ ċatti li m'humiex lixxi jew li jiżolqu 12
Lista' ta' kontroll nru 2: Vetturi u magni li jiċċaqilqu 13
Lista' ta' kontroll nru 3: Partijiet li jiċċaqilqu tal-magni 14
Lista' ta' kontroll nru 4: Stallazzjonijiet u apparat ta' l-elettriku 15
Lista' ta' kontroll nru 5: Nar 16
Lista' ta' kontroll nru 6: Splużjonijiet 18
Lista' ta' kontroll nru 7: Sustanzi kimiċi 20
Lista' ta' kontroll nru 8: Storbju 22
Lista' ta' kontroll nru 9: Vibrazzjonijiet 23
Lista' ta' kontroll nru 10: Dawl 24
Lista' ta' kontroll nru 11: Stress fuq il-Post tax-Xogħol 26

PARTI IV: IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI – GĦAL SETTURI U XOGĦLIJIET SPEĊIFIĊI
Xogħol fl-uffiċċju 30
Kostruzzjoni 34
Ipproċessar ta' l-ikel 38
Xogħol fl-injam 40
Tiswijiet tal-karozzi 43
Agrikoltura 46
Xogħol f'barriera 52


**Informazzjoni: http://hwi.osha.europa.eu**

**Iktar informazzjoni dettaljata marbuta ma' settur partikolari tinsab fil-websajt: http://hwi.osha.europa.eu**

# PARTI I: Informazzjoni bażika

## X'inhu periklu? X'inhu riskju?

Periklu huwa kwalunkwe ħaġa li għandha l-potenzjal li tagħmel il-ħsara. Il-perikli jistgħu jaffettwaw in-nies, propjetà u proċessi; jistgħu wkoll jikkawżaw aċċidenti u mard, telf ta' produzzjoni, danni lill-makkinarju, eċċ. Ir-riskju fuq ix-xogħol jirreferi għall-probabbiltà li jiġi kkawżat mard jew korriment u għal kemm tista' tkun serja leżjoni jew marda minħabba l-espożizzjoni għall-periklu.

## Għaliex għandi nagħmel evalwazzjoni tar-riskju?

L-għan ewlieni ta' evalwazzjoni tar-riskju fuq ix-xogħol huwa li jkunu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Evalwazzjoni tar-riskju tgħin biex titnaqqas kemm jista' jkun il-possibiltà ta' dannu kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-ambjent minħabba attivitajiet relatati max-xogħol. Tgħin ukoll sabiex in-negozju tiegħek ikun kompetittiv u effettiv. Kull min iħaddem għandu jagħmlu evalwazzjoni tar-riskju regolarment skond il-liġijiet tas-saħħa u tas-sigurtà.

## Kif nista' nagħmel evalwazzjoni tar-riskju?

Ir-riskji fuq il-post tax-xogħol jistgħu jiġu evalwati jekk ikunu segwiti 5 passi sempliċi, kif jidher hawn taħt.

**PASS 1** Tinġabar l-informazzjoni

**PASS 2** Jiġu identifikati l-perikli

**PASS 3** Jiġu evalwati r-riskji li jinqalgħu minħabba l-perikli (jiġu stmati l-probabbiltà u kemm jistgħu jkunu gravi l-konsegwenzi u tittieħed deċiżjoni dwar jekk ir-riskju jistax jiġi ttollerat)

**PASS 4** Jiġu ppjanati l-azzjonijiet sabiex jiġu eliminati jew jitnaqqsu r-riskji Tiġi riveduta l-evalwazzjoni

**PASS 5** Tiġi ddokumentata l-evalwazzjoni tar-riskju









## DIN L-GĦODDA SE TGĦINEK ISSEGWI L-PASSI KOLLHA, TAGĦMEL U TIDDOKUMENTA L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU TIEGĦEK

## Kif għandi nuża din l-għodda?

**PASS 1** — X'informazzjoni għandi niġbor? Kif nista' niġbor din l-informazzjoni? — MUR GĦAL PARTI II PASS 1

**PASS 2** — Kif nista' nidentifika l-perikli? — MUR GĦAL PARTI II PASS 2, PARTI III, PARTI IV

**PASS 3** — Kif nista' nevalwa r-riskju li jinqala' minħabba l-periklu? — MUR GĦAL PARTI II PASS 3

**PASS 4** — Kif nista' nippjana azzjonijiet sabiex ikun eliminat jew imnaqqas ir-riskju li jinqala' minħabba l-periklu? — MUR GĦAL PARTI II PASS 4

**PASS 5** — Kif għandi niddokumenta l-evalwazzjoni tar-riskju tiegħi? — MUR GĦAL PARTI II PASS 5

INFORMAZZJONI BAŻIKA / L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU–ĠENERALI I ELEMENTI ESSENZJALI FL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJI

# PARTI II: Il-evalwazzjoni tar-riskju – ġenerali

## PASS 1

### X'informazzjoni għandi niġbor?

Sabiex tevalwa r-riskji fuq ix-xogħol jeħtieġlek tkun taf:

- fejn jinsab il-post tax-xogħol u/jew fejn isiru x-xogħlijiet;
- min jaħdem hemm: oqgħod ferm attent għal dawk li għalihom il-periklu tax-xogħol jista' jkun aktar serju mis-soltu, bħalma huma n-nisa tqal, il-ħaddiema żgħażagħ jew il-ħaddiema b'diżabilitajiet. Ftakar ukoll fil-ħaddiema part-time, is-sottokuntratturi u l-viżitaturi, u l-impjegati li ma jaħdmux f'sit (fosthom ix-xufiera,min iżur il-klijenti jew il-parruċċani fid-djar, eċċ.);
- it-tagħmir, il-materjali u l-proċessi wżati fuq ix-xogħol;
- ix-xogħol li jsir (eż., kif u għal kemm żmien isir);
- il-perikli li diġà ġew identifikati, u s-sorsi tagħhom;
- x'konsegwenzi potenżjali tal-perikli eżistenti;
- x'miżuri prottettivi qed jittieħdu;
- l-aċċidenti, mard okkupazzjonali u mard l-iehor li ġie rrappurtat;
- ir-rekwiżiti legali u r-rekwiżiti l-oħra li huma relatati mal-post tax-xogħol.

### Kif nista' niġbor din l-informazzjoni?

Tista' tfittex informazzjoni minn dawn is-sorsi li ġejjin:

- id-data teknika ta' l-apparat, tal-materjali jew tas-sustanzi użati fil-post tax-xogħol;
- il-proċeduri teknoloġiċi u l-manwali tax-xogħol;
- ir-riżultat tal-qisien ta' fatturi li jagħmlu ħsara jew huma ta' periklu u dawk li huma onerużi fil-post tax-xogħol;
- ir-rekords ta' aċċidenti waqt ix-xogħol u tal-mard okkupazzjonali;
- l-ispeċifikazzjoni tal-proprjetajiet tas-sustanzi kimiċi;
- ir-regolamenti legali u l-istandards tekniċi;
- il-letteratura xjentifika u teknika.

L-informazzjoni tista' tinkiseb ukoll minn:

- l-osservazzjoni ta' l-ambjent tax-xogħol;
- l-osservazzjoni tax-xogħlijiet li jsiru fil-post tax-xogħol;
- l-osservazzjoni tax-xogħlijiet li jsiru barra mill-post tax-xogħol;
- intervisti lil impjegati;
- l-osservazzjoni tal-fatturi esterni li jista' jkollhom impatt fuq il-post tax-xogħol (eż., xogħlijiet li jsiru minn partijiet terzi, il-kundizzjonijiet tat-temp).

## PASS 2

### Kif nista' nidentifika l-perikli?

Biex tidentifika l-perikli fil-post tax-xogħol uża L-LISTA TA' KONTROLL ĠENERALI u:

- jekk taf li hemm xi periku ▶ ittikkja "IVA"
- jekk taf li l-periklu ma jeżistix ▶ ittikkja "LE"
- jekk m'intix żgur jekk il-periklu jeżistix jew le: uża L-LISTA TA' KONTROLL SPEĊIFIKA GĦAL PERIKLU indikata fil-kolonna 5
- jekk m'hemm l-ebda lista' ta' kontroll speċifika ghal periklu indikata fil-kolonna 5 tal-LISTA TA' KONTROLL ĠENERALI, tista' tfittex aktar informazzjoni fuq il-websajts ta' l-Aġenzija Ewropea jew ta' l-awtoritajiet nazzjonali, jew staqsi lill-konsulenti lokali għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol biex jgħinuk.

Ipprovdejna wkoll xi checklists għal dawn is-setturi speċifiċi:

- xogħol fl-uffiċċju
- kostruzzjoni
- tiswijiet tal-karozzi
- ipproċessar ta' l-ikel
- xogħol fl-injam
- agrikoltura
- tħaffir tal-wiċċ fuq skala żgħira

Jekk taħdem f'waħda minn dawn l-attivitajiet, mur ghal-listi ta' kontroll speċifiċi għas-settur f'PARTI IV.

**L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU TIEGĦEK GĦANDHA SSIR BL-INVOLVIMENT ATTIV TAL-ĦADDIEMA KOLLHA.**



## Il-lista ta' kontroll – ġenerali

| Nru. | Periklu | IVA | LE | Ma nafx: mur għal din iċ-Checklist għall-perikolu speċifiku |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 1. | L-uċuħ li m'humiex lixxi jew li jiżolqu (li jistgħu jwasslu biex xi ħadd jiżloq, jitfixkel f'saqajh, jaqa', eċċ.) | ○ | ○ | Parti III – 1 |
| 2. | Il-vetturi u l-magni li jiċċaqilqu | ○ | ○ | Parti III – 2 |
| 3. | Il-partijiet li jiċċaqilqu tal-magni | ○ | ○ | Parti III – 3 |
| 4. | L-oġġetti u l-partijiet b'uċuħ perikolużi (bil-ponta, ħarxa, eċċ.) | ○ | ○ | |
| 5. | L-uċuħ, il-materjali, eċċ. jaħarqu jew kesħin | ○ | ○ | |
| 6. | Il-postijiet tax-xogħol fl-għoli jew il-postijiet li trid tixxabbat biex tilħaqhom (li jistgħu jikkawżaw waqgħat mill-għoli) | ○ | ○ | |
| 7. | L-għodod ta' l-idejn | ○ | ○ | |
| 8. | Il-pressjoni għolja | ○ | ○ | |
| 9. | L-installazzjonijiet u t-tagħmir ta' l-elettriku | ○ | ○ | Parti III – 4 |
| 10. | In-nar | ○ | ○ | Parti III – 5 |
| 11. | L-isplużjonijiet | ○ | ○ | Parti III – 6 |
| 12. | Is-sustanzi kimiċi (inkluż it-trab) fl-arja | ○ | ○ | Parti III – 7 |
| 13. | L-istorbju | ○ | ○ | Parti III – 8 |
| 14. | Il-vibrazzjonijiet fl-id u fid-driegħ | ○ | ○ | Parti III – 9 |
| 15. | Il-vibrazzjonijiet mal-ġisem kollu | ○ | ○ | Parti III – 9 |
| 16. | Id-dawl | ○ | ○ | Parti III – 10 |
| 17. | Ir-radjazzjoni UV, ir-radjazzjoni infra-ħamra, ir-radjazzjoni tal-lejżer, ir-radjazzjoni mill-majkrowejv | ○ | ○ | |
| 18. | Il-kampijiet elettromanjetiċi | ○ | ○ | |
| 19. | Il-klima sħuna jew kiesħa | ○ | ○ | |
| 20. | L-irfigħ u l-ġarr tat-tagħbijiet | ○ | ○ | |
| 21. | Ix-xogħol li jinvolvi qagħda tal-ġisem ħażina | ○ | ○ | |
| 22. | Il-perikli bijoloġiċi (vajrusis, parassiti, moffa, batterji) | ○ | ○ | |
| 23. | L-istress, il-vjolenza, il-fastidju (mobbing) | ○ | ○ | |
| 24. | Oħrajn: jekk jogħġbok speċifika hawn taħt u ttikkja "IVA": | | | |
| | | ○ | ○ | |
| | | ○ | ○ | |



PASS 3

## Kif nista' nevalwa r-riskju li jinqala' minħabba l-periklu?

**A. Għal kull periklu identifikat:**

Iddeċiedi jekk ir-riskju hux żgħir, medju jew kbir billi tqis il-probabbiltà u s-serjetà tal-ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-periklu.

Uża t-tabella t'hawn taħt sabiex tiddeċiedi.

| | Is-serjetà tal-konsegwenzi | | |
|---|---|---|---|
| Il-probabbiltà | Ħsara moderata | Ħsara medja | Ħsara kbira ħafna |
| Ħafna improbabbli | Żgħir (1) | Żgħir (1) | Medju (2) |
| Probabbli | Żgħir (1) | Medju (2) | Kbir (3) |
| Ħafna probabbli | Medju (2) | Kbir (3) | Kbir (3) |

- Improbabbli ħafna m'għandux jitfaċċa matul il-karriera sħiħa tax-xogħol ta' impjegat.
- Periklu probabbli: jista' jitfaċċa biss ftit drabi matul il-karriera tax-xogħol ta' impjegat.
- Probabbli ħafna jista' jitfaċċa b'mod ripetut matul il-karriera tax-xogħol ta' impjegat.
- Ħsara moderata: aċċidenti u mard li ma jikkawżawx problemi fit-tul (bħal qatgħat żgħar fil-ġilda, irritazzjonijiet fl-għajnejn, uġigħ ta' ras, eċċ.).
- Ħsara medja: aċċidenti u mard li jikkawżaw problemi moderati iżda li huma fit-tul jew li jitfaċċaw perjodikament (bħal feriti, ksur sempliċi, ħruq tat-tieni grad fuq parti limitata tal-ġisem, allerġija tal-ġilda, eċċ.).
- Ħsara kbira ferm: aċċidenti u mard li jikkawżaw problemi serji u permanenti u/jew il-mewt (eż. amputazzjonijiet, ksur ikkumplikat li jwassal għal diżabilità, kanċer, ħruq tat-tielet grad jew tat-tieni grad fuq parti kbira tal-ġisem, eċċ.).

**B. Iddeċiedi jekk ir-riskju li jinqala' minħabba l-periklu hux aċċettabbli jew le.**

B'mod ġenerali:

- ir-riskji l-kbar huma inaċċettabbli,
- ir-riskji ż-żgħar u dawk medji huma aċċettabbli.

Jekk ir-rekwiżiti legali ma jintlaħqux, allura r-riskju mhux aċċettabbli!

Ftakar: L-evalwazzjoni tar-riskju tiegħek għandha dejjem issir bl-involviment attiv ta' l-impjegati. Meta tiddeċiedi dwar jekk riskju hux aċċettabbli, żomm f'moħħok dak li jgħidu, u qis is-sess, l-età u wkoll is-saħħa ta' l-impjegat/a li għalih/a qed issir l-evalwazzjoni tiegħu/tagħha.



## PASS 4

### Kif nista' nippjana azzjonijiet sabiex ikun eliminat jew imnaqqas ir-riskju li jinqala' minħabba l-periklu?

- Jekk ir-riskju huwa għoli u ġie evalwat bħala inaċċettabbli, l-azzjonijiet biex jitnaqqas ir-riskju jeħtieġ li jittieħdu mill-ewwel.
- Jekk ir-riskju huwa medju u ġie evalwat bħala inaċċettabbli, huwa rrikkmandat li jkunu ppjanati azzjonijiet sabiex jitnaqqas il-livell tar-riskju.
- Jekk ir-riskju huwa żgħir u ġie evalwat bħala aċċettabli, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li dak ir-riskju jibqa' fl-istess livell.

Il-miżuri preventivi u protettivi għandhom ikunu implimentati skond l-ordni ta' prijorità li ġejja:

- elimina l-periklu/r-riskju,
- naqqas kemm tista' l-periklu/r-riskju, billi tuża miżuri organizzattivi,
- naqqas kemm tista' l-periklu/r-riskju billi tuża miżuri protettivi kollettivi,
- naqqas ir-riskju billi tuża t-tagħmir protettiv personali addattat.

Biex issib eżempji ta' miżuri li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqas ir-riskju mur għal-listi ta' kontroll speċifiċi għall-perikli fil-PARTI III jew fil-PARTI IV.

## PASS 5

### Kif għandi niddokumenta l-evalwazzjoni tar-riskju tiegħi?

Tista' tiddokumenta l-evalwazzjoni tar-riskju għal kull post tax-xogħol billi tuża l-EŻEMPJU TA' FOLJA GĦALL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU t'hawn taħt.

- Niżżel l-informazzjoni bażika: l-isem tal-kumpanija u l-indirizz, isem il-post tax-xogħol li għalih saru l-evalwazzjonijiet, isem (ismijiet) il-persuna(i) li taħdem (jaħdmu) fil-post tax-xogħol, id-data tal-evalwazzjoni u isem (ismijiet) il-persuna(i) li qed jagħmlu l-evalwazzjoni.
- Niżżel il-perikli identifikati (li għalihom tkun ittikkjajt "IVA" FIL-LISTA' TA' KONTROLL ĠENERALI) fil-kolonna 2 tal-EŻEMPJU TA' FOLJA GĦALL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU.
- Għal kull periklu identifikat:
  - niżżel il-miżuri preventivi/protettivi wżati sabiex ikun limitat ir-riskju li jinqala' minħabba l-periklu fil-kolonna 3
  - niżżel ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tar-riskju (eż. kbir/inaċċettabbli) fil-kolonna 4
  - niżżel l-azzjonijiet ippjanati biex jitnaqqas ir-riskju fil-kolonna 5



GĦALL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU



## Eżempju ta' folja għall-evalwazzjoni tar-riskju

Data: ____________ In-nru. tal-kard: ____________

Isem u indirizz tal-kumpanija

L-evalwazzjoni tar-riskju saret minn: (ismijiet tal-persuni)

Il-post tax-xogħol: (isem il-post tax-xogħol)

Isem l-impjegat: (isem il-persuna(i) li taħdem(jaħdmu) fil-post tax-xogħol)

| Nru | IL-PERIKLU | IL-MIŻURI PREVENTIVI/ PROTETTIV LI QED JITTIEĦDU | L-ISTIMA/L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU | L-AZZJONIJIET IPPJANATA SABIEX JITNAQQAS IR-RISKJU |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| | | | | |

Il-firma(firem) tal-persuni li qed jagħmlu l-evalwazzjoni tar-riskju

Il-firma(firem) tal-persuni li jaħdmu fil-post tax-xogħol

# PARTI III: IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI – ĠENERALI

## Lista ta' kontroll Nru 1

### PERIKLU: L-UĊUĦ ĊATTI LI MHUMIEX LIXXI JEW LI JIŻOLQU

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Hemm art b'partijiet li m'humiex lixxi, b'irfinituri li m'humiex imwaħħla tajjeb, b'toqob, b'tixrid, eċċ.? | ● | ○ |
| 2. | Xi drabi l-art tkun tiżloq, eż. meta tkun imxarrba għaliex li tkun inħaslet, twaqqgħu xi likwidi (eż. żejt), minħabba xita jew tajn, jew tkun mimlija trab minħabba l-proċessi tax-xogħol? | ● | ○ |
| 3. | Hemm għetiebi jew diżlivelli oħra fl-art? | ● | ○ |
| 4. | Hemm kejbils jiġru ma' l-art? | ● | ○ |
| 5. | Il-ħaddiema jistgħu jaqgħu jew jiżolqu minħabba żraben li mhumiex addattati? | ● | ○ |
| 6. | L-art tinżamm ħielsa mill-imbarazz? | ○ | ● |
| 7. | Jitħallew jiġru ma' l-art fiż-żoni tax-xogħol ingombri u oġġetti oħra (minbarra dawk li ma jistgħux jitneħħew)? | ● | ○ |
| 8. | Dawk l-ingombri li ma jistgħux jitneħħew huma mmarkati? | ○ | ● |
| 9. | Ir-rotot kollha tat-traffiku huma mmarkati kif suppost? | ○ | ● |
| 10. | L-art u r-rotot tat-traffiku huma mdawwla kif suppost? | ○ | ● |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ L-art tingħażel b'attenzjoni, speċjalment jekk hemm probabbiltà li din se tixxarrab jew timtela bit-trab minħabba l-proċessi tax-xogħol; l-uċuħ jinżammu xotti.
- ☐ Jekk ikun meħtieġ, l-uċuħ li jiżolqu għandhom jiġu ttrattati bil-kimika; jintużaw metodi ta' tindif addattati.
- ☐ Ikun żgurat kontroll regolari ta' l-art u tar-rotot tat-traffikui.
- ☐ Jitneħħew it-toqob, ix-xquq, it-twapet jew ir-rugs imqattgħin, eċċ.; l-art u r-rotot tat-traffiku jinżammu ħielsa.
- ☐ Jitneħħew l-għetiebi jew ikun limitat l-għoli tagħhom; tittejjeb il-viżibilità tagħhom.
- ☐ Lill-ħaddiema jingħatalhom żraben addattat.
- ☐ Ikun żgurat li l-art u r-rotot tat-traffiku jkunu mmarkati kif suppost.
- ☐ Ikun żgurat li l-art u r-rotot tat-traffiku jkunu mdawla b'mod adegwat.
- ☐ L-apparat jitqiegħed b'mod li jkun evitat li l-kejbils jaqsmu r-rotot ta' dawk li jgħaddu bil-mixi; jintuża kisi għall-kejbils li jwaħħalhom sew ma' l-uċuħ ta' l-oġġetti.
- ☐ Ma' l-art u fir-rotot tat-traffiku jintużaw materjali li ma jiżolqux u li jitnaddfu faċilment.
- ☐ Tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-likwidu mill-art u mill-uċuħ tar-rotot tat-traffiku.





## Lista ta' kontroll Nru 2

### PERIKLU: VETTURI U MAGNI LI JIĊĊAQILQU

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Qatt intużaw il-mezzi tat-trasport meta jkollhom xi ħsara jew ma jkunux qed jaħdmu sew? | ● | ○ |
| 2. | Il-mezzi tat-trasport u t-tagħmir tax-xogħol għat-tagħbija/għall-ħatt (eż. il-vetturi, il-paranki, il-pjattaformi tal-irfigħ) qatt tgħabbew aktar milli suppost? | ● | ○ |
| 3. | Ir-rotot tat-trasport huma ħielsa mill-ingombri? | ○ | ● |
| 4. | Il-kamp viżiv fir-rotot tat-trasport huwa mnaqqas? | ● | ○ |
| 5. | Il-mezzi tat-trasport qatt jintużaw minn persuni li m'humiex awtorizzati? | ● | ○ |
| 6. | It-tagħbijiet huma dejjem marbuta b'mod addattat u adegwat? | ○ | ● |
| 7. | Il-kamp viżiv tas-sewwieq qatt jitnaqqas minħabba tagħbijiet goffi? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Ikun żgurat li l-mezzi tat-trasport ikunu addattati għax-xogħol li se jsir.
- ☐ Jintuża tagħmir tax-xogħol biċ-ċertifikat/bil-liċenzji propja.
- ☐ Jintuża tagħmir tax-xogħol skond l-informazzjoni u l-manwal tal-manifattur.
- ☐ Issir spezzjoni teknika regolari tat-tagħmir tax-xogħol.
- ☐ Ikun żgurat li r-rotot tat-trasport huma mmarkati b'mod addattat u jinżammu ħielsa mill-imbarazz.
- ☐ Ikun żgurat li r-rotot huma wesgħin biżżejjed u li m'hemm l-ebda parti li min isuq ma jarahiex.
- ☐ Ikun żgurat li t-tagħbijiet jitqiegħdu u jintrabtu sewwa.
- ☐ Ikun żgurat li l-ħaddiema jkunu mħarrġa b'mod adegwat.
- ☐ Ikun żgurat li l-mezzi ta' trasport li jiċċaqilqu minnhom infushom għandhom il-faċilitajiet sabiex ma jkunux jistgħu jibdew jaħdmu għal għarrieda.

## Lista ta' kontroll Nru 3

### PERIKLU: PARTIJIET TAL-MAGNI LI JIĊĊAQILQU

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Hemm xi partijiet tal-magni li jiċċaqilqu (inklużi l-partijiet awżiljarji) li huma perikolużi u li m'humiex mgħammra b'irpar ta' protezzjoni? | ● | ○ |
| 2. | Il-protezzjoni tal-magni hija biżżejjed biex ma jħallux li l-idejn, id-dirgħajn jew partijiet oħra tal-ġisem il-ħaddiema jiġu f'kuntatt ma' partijiet li jiċċaqilqu li huma perikolużi? | ○ | ● |
| 3. | L-irpari tal-magni kollha huma mwaħħla sew u b'mod li ma jistgħux jitneħħew faċilment? | ○ | ● |
| 4. | Hemm xi oġġetti li jistgħu jaqgħu fuq il-partijiet li jiċċaqilqu ta' magna? | ● | ○ |
| 5. | Il-protezzjoni tagħmel it-tħaddim tal-magna inkonvenjenti u aktar diffiċli? | ● | ○ |
| 6. | Il-magna tista' tingħata ż-żejt mingħajr ma titneħħa l-protezzjoni? | ○ | ● |
| 7. | Huwa possibbli li titneħħa il-protezzjoni mingħajr ma jsiru xi movimenti perikolużi? | ● | ○ |
| 8. | Hemm xi gerijiet, sprokits, taljoli jew tornijiet li m'għandhomx irpar ta' protezzjoni? | ● | ○ |
| 9. | Hemm xi ċineg jew sistemi ta' trasmissjoni fuq ktajjen iduru fuq xulxin li huma esposti? | ● | ○ |
| 10. | Hemm xi viti li jaġġustaw partijiet tal-magna, toqob fejn tidħol iċ-ċavetta, ħoloq tal-metall li jgħaqqdu l-pajpijiet, eċċ. li huma esposti? | ● | ○ |
| 11. | Huwa faċli għall-operatur li jilħaq il-kontrolli li jixegħlu jew jitfu l-magna ("ON" u "OFF")? | ○ | ● |
| 12. | Hemm xi kontroll li jintuża minn aktar minn operatur wieħed? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

☐ Ikun żgurat li l-magni jitħaddmu minn ħaddiema mħarrġa u awtorizzati.
☐ Ikun żgurat li l-irpari kollha xierqa qegħdin f'posthom u jaħdmu sew.
☐ Jintużaw posters u sinjali sabiex ifakkru lill-ħaddiema bil-ħtieġa li jintużaw l-irpari.
☐ Ikun żgurat li l-irpari kollha meħtieġa qegħdin f'posthom qabel ma titqabbad kwalunkwe magna.
☐ Ikun żgurat li ż-żoni kollha ta' madwar il-magni huma nodfa, ordinati u ħielsa.
☐ Ikun żgurat spazju biżżejjed sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jiċċaqilqu bil-libertà.
☐ Ikun provdut tagħmir protettiv personali addattat.
☐ Ikunu żgurati dwal adegwati fuq il-magni u madwarhom.
☐ Tkun implimentata sistema ċara ta' informazzjoni ta' twissija sabiex ikun evitat li l-magni bil-ħsara ma jitqabbdux b'mod aċċidentali.
☐ Ikun żgurat li l-magni jinżammu f'kundizzjoni tajba u li d-diffetti jissewwew fil-pront.
☐ Ikun żgurat li hemm biżżejjed spazju bejn il-partijiet tal-magna li jiċċaqilqu u l-partijiet fissi ħdejn il-magna.





## Lista ta' kontroll Nru 4

### PERIKLU: STALLAZZJONIJIET U TAGĦMIR TA' L-ELETTRIKU

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Żgur li l-istrumenti tas-sigurtà u l-iswiċis qegħdin f'posthom u jaħdmu kif suppost? | ○ | ● |
| 2. | Hemm xi iżolament bil-ħsara fill-linji (eż. brim jew wajers mikxufa)? | ● | ○ |
| 3. | Hemm xi ħsara fil-kaxxa ta' l-apparat ta' l-elettriku, jew hemm xi kaxxi li jistgħu jintużaw minn min m'hux awtorizzat? | ● | ○ |
| 4. | Hemm xi kaxxa ta' l-elettriku mingħajr is-sinjal IEC – 60417-5036 (trijangolu iswed b'sinjal ta' sajjetta sewda fuq sfond isfar)? | ● | ○ |
| 5. | Hemm xi plagg jew sokit bil-ħsara? | ● | ○ |
| 6. | Hemm xi possibbiltà li t-tagħmir ta' l-elettriku jintuża b'mod m'hux kif suppost. | ● | ○ |
| 7. | Huwa possibbli li jintuża apparat ta' l-elettriku meta jkun niedi, jew li jintuża minn persuni li jkollhom idejhom imxarrba jew b'ilbies niedi? | ● | ○ |
| 8. | Huwa possibbli li jsir xogħol qrib wisq is-sistemi ta' l-elettriku? | ● | ○ |
| 9. | Hemm xi partijiet li għaddej l-elettriku minnhom qrib iż-żoni fejn isir ix-xogħol? | ● | ○ |
| 10. | Hemm xi parti konduttiva mikxufa li m'hix imqabbda mas-sistema ta' l-ert? | ● | ○ |
| 11. | Hemm xi ċarġ elettrostatiku (bħal meta jingħata l-fjuwil mill-ġdid)? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

☐ Qabel ma jinbeda x-xogħol, wieħed jagħti titwila sewwa sabiex jara jekk hemmx xi ħsarat.
☐ Ikun żgurat li jsiru testijiet regolari minn esperti fl-elettriku.
☐ Jintuża biss tagħmir li jġib fuqu l-marka CE.
☐ Fil-każ li jkun hemm ħsara jew difetti fit-tagħmir: jintefa l-elettriku, tinqala' l-plagg mill-ewwel u tkun irrappurtata l-ħsara.
☐ Ikun żgurat li l-ħsarat jissewwew minn espert fl-elettriku.
☐ Jingħażel u jintuża t-tip addattat ta' tagħmir (bħat-tip protettiv IP, protezzjoni mekkanika, eċċ.).
☐ Ix-xogħol isir skond l-istruzzjonijiet.
☐ Jinqata' l-elettriku mil-linji.
☐ Iż-żoni tax-xogħol tat-tagħmir ta' l-irfigħ bil-parank ikunu limitati.
☐ Ikun ikkontrollat it-tagħmir ta' elettriku qabel ma jibda jitħaddem, wara li jissewwa u regolarment.
☐ Jintużaw il-wajers ta' l-ert.

## Lista ta' kontroll Nru 5

PERIKLU: NAR

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●
*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Tuża sustanzi ossidanti jew li jaqbdu malajr, bħalma huma żebgħa, finituri, kolla u solventi? | ● | ○ |
| 2. | Sustanzi ossidizzati u li jaqbdu malajr jinħażnu fi kmamar b'ventilazzjoni tajba? | ○ | ● |
| 3. | Għandek Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għall-kimiċi perikolużi kollha li jintużaw? | ○ | ● |
| 4. | Hemm xi sors fejn jista' jaqbad in-nar (eż. nar fil-miftuħ, apparat li jaħdem bl-elettriku, ċarġis elettrostatiċi jew temperatura għolja)? | ● | ○ |
| 5. | Hemm sinjali addattati fiż-żoni fejn hemm il-periklu ta' nar? | ○ | ● |
| 6. | L-impjegati li jużaw sustanzi kombustibbli jew li jaqbdu malajr huma infurmati b'mod regolari dwar il-proprjetajiet perikolużi ta' dawn il-kimiċi? | ○ | ● |
| 7. | Hemm tagħmir għat-tifi tan-nar fil-post, u dan huwa adattat? | ○ | ● |
| 8. | L-apparat tat-tifi tan-nar huwa f'kundizzjoni li jintuża, u jintbagħat għall-manutenzjoni b'mod regolari? | ○ | ● |
| 9. | Hemm aċċess faċli għall-apparat tat-tifi tan-nar? | ○ | ● |
| 10. | Hemm pjanijiet għal ħruġ ta' emerġenza u għal każijiet ta' emerġenza? | ○ | ● |
| 11. | Ir-rotot għall-ħrug mill-post huma mmarkati? | ○ | ● |
| 12. | Hemm allarm f'każ li jaqbad in-nar? | ○ | ● |
| 13. | Isiru eżerċizzji għat-tifi tan-nar u ta' allarm minħabba nirien? | ○ | ● |
| 14. | Jiġi pprovdut taħriġ għat-tifi tan-nar? | ○ | ● |





### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Is-sustanzi kombustibbli jew li jaqbdu malajr ikunu maħżuna sewwa (eż. li ma jinqabżux l-ogħla temperaturi tal-ħażna).
- ☐ Is-sustanzi kombustibbli u li jaqbdu malajr ikunu mifruda minn oħrajn.
- ☐ Jiġu prevenuti jew eliminati s-sorsi tal-qbid tan-nar (inkluża l-projbizzjoni tat-titpjip).
- ☐ Ikunu pprovduti Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għas-sustanzi kollha li jaqbdu malajr.
- ☐ Iż-żoni perikolużi jiġu maqtugħa għalihom.
- ☐ Ikun żgurat li hemm il-permessi proprji għax-xogħol fejn tintuża fjamma.
- ☐ Ikunu pprovduti ċilindri jew pompi għat-tifi tan-nar (li għandhom jintgħażlu skond il-materjal kombustibbli u d-daqs tal-post tax-xogħol).
- ☐ Ikun żgurat li t-tagħmir ta' l-elettriku ikun ikkontrollat b'mod regolari.
- ☐ Tkun żgurata l-għażla addattata tat-tagħmir għat-tifi tan-nar.
- ☐ It-tagħmir għat-tifi tan-nar ikun iċċekkjat u ssirlu manutenzjoni b'mod regolari.
- ☐ Ikun stallat tagħmir ta' allarm f'każ ta' nirien.
- ☐ Ikunu mmarkati r-rotot ta' emerġenza u ta' salvataġġ; ir-rotot ta' l-emerġenza u tas-salvataġġ jinżammu ħielsa u nodfa.
- ☐ Ikun żgurat li l-impjegati jingħataw it-taħriġ meħtieġ.
- ☐ Isiru eżerċizzji dwar dak li għandu jsir għal każ ta' emerġenza.

## POST GĦAL KUMMENTI TIEGĦEK

## Lista ta' kontroll Nru 6

PERIKLU: SPLUŻJONIJIET

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Tintuża sustanzi esplussivi? | ● | ○ |
| 2. | Għandek Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għall-kimiċi esplussivi kollha li jintużaw? | ○ | ● |
| 3. | Il-kimiċi esplussivi għandhom tikketti addattati? | ○ | ● |
| 4. | Jkunu prodotti taħlitiet li jistgħu jisplodu waqt il-proċessi tax-xogħol (eż. arja u gassijiet bħall-idroġenu jew bħall-metanu arja u forom gassużi tal-benżin jew ta' l-aċetun, it-trab ta' l-arja u ta' l-injam)? | ● | ○ |
| 5. | Hemm xi żoni fejn hemm riskju ta' splużjoni (eż. kmamar fejn jinżammu żebgħa jew solventi, likwidi jew gassijiet li jaqbdu malarj)? | ● | ○ |
| 6. | Hemm xi żoni fejn hemm riskju ta' splużjoni minħabba kontaminazzjoni b'sustanzi li jaqbdu malajr, b'żieda fit-temperaturi tal-ħażna, jew kwantitajiet eċċessivi ta' prodotti maħżuna? | ● | ○ |
| 7. | L-istallazzjonijiet tal-gass huma magħluqa u jiġu kkontrollati b'mod regolari? | ○ | ● |
| 8. | It-tagħmir ta' l-elettriku li jintuża fiż-żoni esplussivi jintgħażel kif għandu jkun? | ○ | ● |
| 9. | Hemm xi sorsi ta' nar fiż-żoni fejn tista' ssir splużjoni? | ● | ○ |
| 10. | Hemm xi sorsi ta' temperatura għolja fiż-żoni fejn tista' ssir splużjoni? | ● | ○ |
| 11. | Hemm xi kampijiet elettrostatiċi fiż-żoni fejn tista' ssir splużjoni? | ● | ○ |
| 12. | Hemm sistema ta' ventilazzjoni fil-pos, u din tiġi kkontrollata b'mod regolari? | ○ | ● |
| 13. | Iż-żoni fejn hemm periklu ta' splużjoni huma mmarkati bħala tali? | ○ | ● |
| 14. | Timmonitorja l-konċentrazzjoni sustanzi esplussivi fiż-żoni esplussivi b'mod kontinwu? | ○ | ● |
| 15. | L-istrumenti tal-monitoraġġ qed jiġu kkontrollati b'mod regolari? | ○ | ● |
| 16. | L-impjegati li jużaw sustanzi jew preparazzjonijiet eplussivi huma infurmati b'mod regolari dwar il-proprjetajiet perikolużi ta' dawn il-kimiċi? | ○ | ● |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Jintużaw konċentrazzjonijiet ta' ventilazzjoni u ta' monitoraġġ.
- ☐ Ikunu pprovduti Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għas-sustanzi kimiċi esplussivi kollha.
- ☐ Ikunu prevenuti jew eliminati s-sorsi li jista' jaqbad in-nar bihom.
- ☐ Is-sustanzi li jistgħu jiffurmaw taħlitiet esplussivi ma' l-arja jinżammu 'l bogħod mill-fjammi, mit-tagħmir ta' l-elettriku, mix-xrar, eċċ.
- ☐ Jinħażnu l-inqas kwantitajiet possibbli ta' dawn is-sustanzi.
- ☐ Ikunu segwiti l-istruzzjonijiet biex ċerti sustanzi ma jiġux maħżuna flimkien.
- ☐ Ikunu evitati l-kontaminazzjoni u ma jiqiegħdux kwantitajiet ta' prodott meħud mill-kontenitur oriġinali lura fih.
- ☐ Iż-żoni kollha f'periklu minn splużjonijiet jinzammu magħluqa b'kurdun.
- ☐ Kull żona fejn tista' ssir splużjoni tkun immarkata kif suppost.
- ☐ Ikun żgurat li jkun hemm il-permessi proprji għax-xogħol fejn tintuża fjamma.
- ☐ Ir-rotot ta' ħruġ ta' emerġenza u tas-salvataġġ ikunu mmarkati u jinżammu ħielsa minn ingombri.
- ☐ Ikun żgurat li l-impjegati jingħataw it-taħriġ meħtieġ.
- ☐ Isiru eżerċizzji dwar dak li għandu jsir f'każ ta' emerġenza.

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

## Lista ta' kontroll Nru 7

PERIKLU: SUSTANZI KIMIĊI

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Tuża sustanzi kimiċi perikolużi (dawk ikklassifikati bħala ferm tossiċi, tossiċi, ta' ħsara, korrużivi, irritanti, sensittivi għad-dawl, karċinoġeni, mutaġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni, esplussiri, ossidanti, jaqbdu ħafna malajr, jaqbdu ħafna jew jaqbdu malajr)? | ● | ○ |
| 2. | Għandek Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għall-kimiċi perikolużi kollha li qed jintużaw? | ○ | ● |
| 3. | Il-kimiċi perikolużi kollha għandhom tikketta kif suppost? | ○ | ● |
| 4. | Il-kimiċi perikolużi kollha jiġu wżati kif suppost? | ○ | ● |
| 5. | Il-ħaddiema kollha li jużaw sustanzi kimiċi perikolużi huma infurmati b'mod regolari dwar il-proprjetajiet perikolużi ta' dawn il-kimiċi? | ○ | ● |
| 6. | Il-ħaddiema żgħażagħ jew in-nisa tqal jaħdmu f'kuntatt ma' sustanzi karċinoġeni jew mutaġeniċi? | ● | ○ |
| 7. | Qed tiżgura ruħek mill-qisien tal-konċentrazzjoni (fl-arja tal-post tax-xogħol) tas-sustanzi li għalihom ġiet stabbilita l-Akbar Konċentrazzjoni Ammissibbli? | ○ | ● |
| 8. | Il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi fl-arja tal-post tax-xogħol huma aktar baxxi mill-Akbar Konċentrazzjoni Ammissibbli? | ○ | ● |
| 9. | Tipprovdi tagħmir protettiv kollettiv (sistema ta' ventilazzjoni ġenerali u lokali) għall-postijiet tax-xogħol kollha fejn jintużaw il-kimiċi? | ○ | ● |
| 10. | Tikkontrolla s-sistemi ta' ventilazzjoni b'mod regolari? | ○ | ● |
| 11. | Tipprovdi tagħmir protettiv personali (ingwanti, nuċċalijiet jew ħarsien għall-wiċċ, apparat respiratorju) għall-ħaddiema li jużaw il-kimiċi? | ○ | ● |
| 12. | Tipprovdi eżamijiet mediċi regolari għall-ħaddiema li huma esposti għal sustanzi jew preparazzjonijiet kimiċi perikolużi? | ○ | ● |
| 13. | Il-ħaddiema li huma esposti għal sustanzi karċinoġeni qegħdin taħt kura medika speċjali? | ○ | ● |
| 14. | Il-ħaddiema kollha huma mħarrġa dwar il-mod xieraq kif għandhom jużaw u jimmaniġġjaw sustanzi jew preparazzjonijiet kimiċi perikolużi? | ○ | ● |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Sostanzi tossiċi ħafna jkun issostitwit b'dawk li huma inqas tossiċi jkun issostitwit b'dak li huwa inqas tossiku.
- ☐ It-tneħħija tas-sustanzi karċinoġeni u mutaġeniċi, jekk ikun possibbli.
- ☐ Jintużaw sistemi awtomatizzati meta jkunu applikati sustanzi kimiċi perikolużi.
- ☐ Ikunu pprovduti Folji tad-Data tas-Sigurtà tal-Materjali (MSDS) għas-sustanzi kimiċi perikolużi kollha.
- ☐ Ikun żgurat li s-sustanzi kimiċi perikolużi kollha jkollhom tikketta kif suppost.
- ☐ Ikun żgurat li s-sustanzi kimiċi perikolużi kollha jkunu użati u mmaniġġjati b'mod xieraq.
- ☐ Is-sustanzi kimiċi perikolużi kombustibbli u dawk li jaqbdu malajr jinżammu mifruda minn xulxin.
- ☐ Ikun żgurat li l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi perikolużi jitkejlu u jkunu mmonitorjati.
- ☐ Ikun stallat it-tagħmir protettiv kollettiv addattat.
- ☐ Ikun żgurat li l-ħaddiema jkunu mgħammra b'tagħmir protettiv personali.
- ☐ Tkun provduta ventilazzjoni lokali kontinwa għall-egżost fil-postijiet tax-xogħol kollha fejn il-konċentrazzjoni tas-sustanzi kimiċi tkun iktar mill-Akbar Konċentrazzjoni Ammissibbli (is-sistemi ta' l-egżost għal, per eżempju, xogħlijiet ta' sprejjar, żebgħa jew kisi).
- ☐ Isiru kontrolli tekniċi regolari tat-tagħmir li jintuża mal-kimiċi.
- ☐ Tiġi spezzjonata u mnaddfa s-sistema tal-ventilazzjoni għall-egżost regolarment sabiex taħdem bl-akbar effiċjenza possibbli.
- ☐ Jiġi żgurat li dawk il-ħaddiema li huma esposti għal sustanzi kimiċi perikolużi, speċjalment għal sustanzi karċinoġeni jew mutaġeniċi, jingħataw eżami mediku regolari.
- ☐ Taħriġ regolari għall-ħaddiema dwar ir-riskji mis-sustanzi kimiċi perikolużi u kif għandhom jaħdmu bihom mingħajr periklu.

POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

## Lista ta' kontroll Nru 8

PERIKLU: L-ISTORBJU

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Jista' jkun hemm livelli għoljin ta' storbju minħabba l-proċessi tax-xogħol (eż. impatti tal-metall fuq il-metall, il-magni, eċċ.)? | ● | ○ |
| 2. | Jista' jkun hemm livelli għoljin ta' storbju minħabba l-istorbju ambjentali li jidħol fil-bini? | ● | ○ |
| 3. | Jista' jkun li bl-istorbju li jkun hemm minħabba x-xogħol ma jinstemgħux is-sinjali ta' allarm? | ● | ○ |
| 4. | L-istorbju huwa daqshekk għoli li trid tgħolli leħnek sabiex tkellem lin-nies fil-post tax-xogħol tiegħek? | ● | ○ |
| 5. | Issib li tgħolli leħnek, mingħajr ma tinduna, meta titkellem lin-nies wara li titlaq mill-post tax-xogħol tiegħek? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Tkun iddeterminata l-espożizzjoni tal-ħaddiema; tkun ikkontrollata l-konformità mal-limiti stabbiliti fir-rekwiżiti legali.
- ☐ Ikunu introdotti kontrolli ta' l-inġinerija li jistgħu jnaqqsu l-emissjoni ta' l-istorbju (eż. ikun u iżolat(i) il-makkinarju jew il-komponenti li jivvibraw mill-ambjent ta' madwarhom, jitwaħħlu sajlensers ma' l-egżost ta' l-arja, eċċ.).
- ☐ Is-sorsi li jkunu qed jikkaġunaw l-istorbju jitqiegħdu aktar 'il bogħod mill-ħaddiema.
- ☐ Ikun limitat il-ħin li wieħed iqatta' f'żoni storbjużi.
- ☐ Titwaħħal tagħmir madwar il-magni sabiex jitnaqqas l-ammont ta' storbju li jagħmlu.
- ☐ Ikunu introdotti hitan divisorji jew skrins sabiex jimblukkaw il-mogħdija diretta tal-ħoss.
- ☐ Ikunu identifikati iż-żoni għall-ħarsien tal-widnejn u jkunu mmarkati b'sinjali li juru li jrid jintlibes it-tagħmir protettiv għall-widnejn.
- ☐ Ikun ipprovdut tagħmir protettiv għall-widnejn (b'konsultazzjoni ma' l-impjegati jew mar-rappreżentanti tagħhom).
- ☐ Ikun żgurat li t-tagħmir protettiv għall-widnejn jintuża.
- ☐ Ikun żgurat li t-tagħmir protettiv għall-widnejn jaħdem sew u jinżamm f'kundizzjoni tajba.
- ☐ Ikunu pprovduti informazzjoni, tagħlim u taħriġ.
- ☐ Ikunu żgurati kontrolli tas-smigħ regolari għall-ħaddiema kollha li huma esposti għal livell għoli ta' storbju.





## Lista ta' kontroll Nru 9

PERIKLU: VIBRAZZJONIJIET

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Isir xogħol (ta' spiss jew tul perjodi twal) fejn jinħassu vibrazzjonijiet li huma perċettibli b'mod ċar meta wieħed ikun bil-wieqfa jew bil-qiegħda? | ● | ○ |
| 2. | Isir xogħol (ta' spiss jew tul perjodi twal) fejn jintużaw għodod jew apparat li jaħdmu bl-elettriku u li jinżammu fl-idejn li jistgħu jiġġeneraw il-vibrazzjonijiet? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Tkun iddeterminata l-espożizzjoni personali għall-vibrazzjonijiet tal-ħaddiema; tkun ikkontrollata l-konformità mal-limiti stabbiliti mil-liġi.
- ☐ Il-post tax-xogħol (bħal postijiet fejn toqgħod bil-qiegħda u l-art) ikun iżolat mill-vibrazzjonijiet.
- ☐ Ikunu evitati dawk l-għodod u l-apparat li jiġġeneraw il-vibrazzjonijiet.
- ☐ Jitnaqqas il-ħin li l-ħaddiema jqattgħu jaħdmu b'tagħmir li jiġġenera l-vibrazzjonijiet.
- ☐ Jintużaw l-għodod it-tajba (mgħammra b'manku iżolat jew b'impatt baxx, eċċ.) u jkun żgurat li dawn jingħataw manutenzjoni kif suppost.
- ☐ Ikunu segwiti l-istruzzjonijiet għall-użu tat-tagħmir u ta' l-għodod.
- ☐ Ikun żgurat li jingħata taħriġ u informazzjoni addattat.
- ☐ Jingħataw ingwanti protettivi sabiex ikun żgurat il-ħarsien minn vibrazzjonijiet li jolqtu l-idejn u d-dirgħajn.
- ☐ Jiġi żgurat li l-ingwanti protettivi jintużaw u jingħataw manutenzjoni kif suppost.
- ☐ Li wieħed ma jħossx bard waqt ix-xogħol, speċjalment li l-idejn ma jiksħux; wieħed għandu jagħmel eżerċizzji għall-idejn.
- ☐ Ikun ipprovdut l-ilbies protettiv meħtieġ sabiex il-ħaddiema ma jħossux bard u ma jixxarrbux.
- ☐ Ikunu żgurati eżamijiet mediċi regolari.

## Lista ta' kontroll Nru 10

PERIKLU: ID-DAWL

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●
*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| | MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Id-dawl fil-post tax-xogħol huwa biżżejjed ix-xogħol isir b'mod effiċjenti u kif suppost? | ○ | ● |
| 2. | Jaqgħu xi dellijiet fiż-żona fejn isir ix-xogħol li jistgħu jaffettwaw l-effiċjenza u l-preċiżjoni tax-xogħol? | ● | ○ |
| 3. | Id-dawl fiż-żoni passaġġi, fil-kuriduri, fit-taraġ, tal-kmamar tal-ħażna, eċċ. huwa adegwat sabiex il-ħaddiema jiċċaqilqu mingħajr periklu u jinnutaw b'xi xkiel (bħal toqob fl-art, oġġetti li tħallew ma' l-art, tarġiet, uċuħ li jiżolqu jew li twaqqa' xi likwidu fuqhom, it-tarf ta' pjattaforma, eċċ.)? | ○ | ● |
| 4. | Hemm xi dawl qawwi jew uċuħ li jleqqu li jfixklu lill-ħaddiema milli jaraw sew? | ● | ○ |
| 5. | Hemm xi lmenti mingħand il-ħaddiema li għandhom x'jaqsmu ma' viżibilità baxxa, leħħa li tweġġa' l-għajnejn jew dawl mhux adattat fil-post tax-xogħol? | ● | ○ |
| 6. | Hemm wisq kuntrasti fil-kamp viżiv li jistgħu jwasslu għal għeja jew li minħabba fihom l-għajnejn ikollhom jadattaw mill-ġdid kontinwament? | ● | ○ |
| 7. | Hemm xi riflessi fil-post fejn ikun qed isir ix-xogħol (riflessi diretti minn uċuħ illostrati, ileqqu jew leqqiena) li ma tkunx tista' tara sew x'inti tagħmel bihom? | ● | ○ |
| 8. | Hemm varjazzjoniet kbar ta' l-ispazju fid-dwal madwar iż-żona tax-xogħol, li jistgħu jwasslu għal tensjoni viżiva? | ● | ○ |
| 9. | Il-kulur ta' l-oġġetti u tal-ġilda tan-nies jidhru naturali taħt id-dawl artifiċjali li hemm fil-post tax-xogħol? | ○ | ● |
| 10. | Il-kuluri tas-sigurtà jingħarfu taħt id-dawl artifiċjali li hemm? | ○ | ● |
| 11. | It-tpetpit tad-dawl huwa viżibbli għall-ħaddiema? | ● | ○ |
| 12. | Il-makkinarju li jdur jidher bħala li m'hux qed jiċċaqlaq waqt li jkun qed jaħdem taħt id-dawl artifiċjali li hemm (jiġifieri hemm effett stroboskopiku)? | ● | ○ |

### Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ Jittieħdu qisien perjodiċi tad-dawl u ta' l-uniformità tiegħu regolarment kemm fil-post fejn isir ix-xogħol kif ukoll mal-madwar.
- ☐ Jittieħdu qisien perjodiċi tad-dawl u ta' l-uniformità tiegħu regolarment fiż-żoni passaġġi, fil-kuriduri, fit-tarġiet, eċċ.
- ☐ Jiġi segwit il-pjan ta' manutenzjoni mħejji mid-disinjatur tad-dawl, inkluż: kemm il-darba trid tinbidel il-lampi, isir tindif tal-kmamar u kif isir it-tindif.
- ☐ Il-konformità mal-prinċipji tad-disinn tad-dawl, bħalma huma: l-arranġamenti fil-post tax-xogħol, it-tipi u l-ispeċifikazzjonijiet tal-lampi (l-elettriku, il-kulur tad-dawl u l-mod ta' kif jidher il-kulur, l-irfinituri tal-wiċċ (kemm jirrifletti, il-kulur, jekk hux matt jew leqqieni).
- ☐ Jintuża dawl lokali jew lokalizzat addizzjonali fil-postijiet tax-xogħol, fejn ikunu meħtieġa livelli għolja ta' dawl.
- ☐ Jintuża aktar dawl indirett u dawl lokali sabiex jitneħħew id-dellijiet fil-post fejn ikun qed isir ix-xogħol.
- ☐ Ikunu evitati l-uċuħ leqqiena fil-postijiet tax-xogħol (imwejjed, għamara oħra, eċċ.).
- ☐ Ikunu evitati t-teptip u l-effett stroboskopiku.
- ☐ L-użu perjodiku ta' lista ta' kontroll jew isiru taħdidiet lill-ħaddiema fuq problemi bid-dawl.

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U L-GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI I ELEMENTI ESSENZJALI FL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJI

# Lista ta' kontroll Nru 11

PERIKLU: STRESS FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **REKWIŻITI TAX-XOGĦOL PARTIKOLARI** | | |
| Il-ħaddiema jaħdmu sikwit jew xi kultant taħt pressjoni għolja (pass mgħaġġel tax-xogħol, termini perentorji stretti)? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema normalment jew xi drabi jaħdmu sigħat twal? | ● | ○ |
| L-ammont tax-xogħol ikun normalment jew xi kultant għoli? | ● | ○ |
| Hemm bilanċ bejn ir-rekwiżiti fiżiċi u mentali tax-xogħol u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema? | ○ | ● |
| Ix-xogħol huwa monotonu? | ● | ○ |
| Hemm riskji fiżiċi (storbju, temperatura, kimiċi, eċċ.)? | ● | ○ |
| Jafu x'inhuma d-doveri tagħhom il-ħaddiema? | ○ | ● |
| Għandhom rekwiżiti konfliġġenti l-ħaddiema? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema jkunu iżolati soċjalment waqt ix-xogħol? | ● | ○ |
| **KONTROLL TAL-ĦIDMA** | | |
| Il-ħaddiema għandhom influwenza fuq il-metodi li jużaw sabiex jaħdmu fuq xogħolhom? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema għandhom influwenza fuq il-kontenut tax-xogħol tagħhom? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema għandhom il-possibbiltà sabiex jippjanaw xogħolhom, jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom u jieħdu responsabbiltà? | ○ | ● |
| Ix-xogħol huwa mqassam f'bosta kompiti li l-ħaddiema jistgħu jkollhom ftit sens ta' tħaddin tal-prodott finali? | ● | ○ |
| L-iskeda tax-xifts hija ppjanata minn qabel? | ○ | ● |
| L-iskeda tax-xifts hija ppjanata b'konsultazzjoni mal-ħaddiema? | ○ | ● |
| Is-sigħat tax-xogħol huma bla flessibbiltà? | ● | ○ |

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **KLIMA SOĊJALI** | | |
| Hemm klima soċjali fqira fuq il-post tax-xogħol? | ● | ○ |
| Hemm kooperazzjoni fqira bejn il-gruppi differenti tal-ħaddiema (e. ż. dipartimenti differenti)? | ● | ○ |
| Hemm kunflitti interpersonali jew kunflitti fost gruppi ta' ħaddiema? | ● | ○ |
| Hemm kwistjonijiet dwar ix-xogħol ta' bejn il-ħaddiema u l-maniġers li jibqgħu mhux diskussi? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema jikkompetu bis-sħiħ ma xulxin? | ● | ○ |
| Iseħħu bullying jew fastidju gravi? | ● | ○ |
| Hemm riskju ta' vjolenza lejn il-ħaddiema mill-membri tal-pubbliku (abbuż verbali, theddid jew attakki fiżiċi?) | ● | ○ |
| **SOSTENN** | | |
| Il-ħaddiema għandhom is-sostenn tal-maniġers u l-kollegi tagħhom? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jirċievu kemm sostenn ta' feedback pożittiv u negattiv dwar ix-xogħol tagħhom? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema huma rikonoxxuti u mogħtija ġieħ għall-ħidma tajba tagħhom? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema huma mogħtija taħriġ u superviżjoni xierqa fuq ix-xogħol? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema huma sostnuti meta jiġu ppjanati tibdiliet jew jekk ikun hemm inċertezza dwar il-futur ta' intrapiża eċċ., sabiex jiġi minimizzat l-inkwiet u l-konfużjoni? | ○ | ● |

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

### REKWIŻITI TAX-XOGĦOL PARTIKOLARI

- ☐ Assigurazzjoni li jkun hemm riżorsi biżżejjed in ġenerali u għal żminijiet ta' ammont ta' xogħol kbir.
- ☐ Operazzjonijiet ta' strutturar sabiex jiġi evitati ammonti kbar ta' xogħol jew xogħol b'lura kemm jista' jkun.
- ☐ Twissija bil-quddiem dwar pjanijiet ta' produzzjoni u perjodi ta' xogħol b'lura.
- ☐ Monitoraġġ ta' l-ammont tax-xogħol u verifikazzjoni sistematika ta' kif iġġestixxi n-nies fiżikament u psikoloġikament meta l-ammont tax-xogħol huwa għoli ħafna.
- ☐ Iż-żamma ta' l-overtime f'perjodi qosra u qbil dwar forom ta' ħlas wara perjodi b'ammonti ta' xogħol kbar ħafna.
- ☐ Assigurazzjoni li l-ħaddiema għandhom snajja biżżejjed biex jagħmlu xogħolhom.
- ☐ Assigurazzjoni li hemm bilanċ bejn il-kapaċitajiet tal-ħaddiema u r-rekwiżiti tax-xogħol u li la hemm ftit xogħol jew eċċess ta' xogħol.
- ☐ Għoti ta' taħriġ u sostenn sistematiku lill-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-kompiti tagħhom.
- ☐ Inkoraġġiment lill-ħaddiema sabiex jiżviluppaw is-snajja tagħhom kontinwament.
- ☐ Twessiegħ ta' l-iskop tal-kompiti sabiex tiżdied il-varjetà tax-xogħol. L-introduzzjoni ta' ħidma jew skema ta' rotazzjoni tal-kompiti.
- ☐ Assigurazzjoni li r-riskji fuq il-post tax-xogħol huma evalwati u evitati.
- ☐ Definizzjoni tar-rwoli, funzjonijiet u responsabbilitajiet ta' l-impjegati b'mod ċar u distint.
- ☐ L-organizzazzjoni tax-xogħol b'mod li l-impjegati jaħdmu ma' ta' l-anqas kollega wieħed jew waħda. Faċilitazzjoni tat-taħlit soċjali tal-ħaddiema ġewwa u barra x-xogħol, e.ż., forniment ta' kamra għal-laqgħat informali, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti soċjali.

### KONTROLL TAL-ĦIDMA

- ☐ Konsultazzjoni mal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom dwar l-organizzazzjoni, kontenut u ammont ta' xogħol.
- ☐ Delegazzjoni ta' responsabbilità u soluzzjoni ta' problemi lill-ħaddiema; fiduċja fil-kompiti u kompetenzi tal-ħaddiema.
- ☐ Monitoraġġ tas-sodisfazzjon li l-ħaddiema jsibu fix-xogħol tagħhom.
- ☐ Żjieda fis-sens ta' tħaddin tax-xogħol tal-ħaddiema, e. ż. permezz ta' emfasi fuq il-"punt wiesa'" tax-xogħol tagħhom, jagħmlu l-impatt u l-kontribuzzjoni tagħhom fuq il-prodott jew servizz finali aktar viżibbli.
- ☐ Ippjanar u informazzjoni bil-quddiem lill-ħaddiema dwar l-iskeda tax-xifts.
- ☐ Konsultazzjoni mal-ħaddiema rigward l-iskeda tax-xifs, jekk inhu possibbli aġġustament tal-ħin tax-xogħol skond il-ħtiġijiet tagħhom. Għoti ta' ċertu kontroll fuq l-ippjanar tax-xifts tagħhom stess.
- ☐ L-introduzzjoni ta' sigħat tax-xogħol flessibbli u miżuri favur il-familja.

### KLIMA SOĊJALI

- ☐ Żvilupp u implimentazzjoni ta' miżuri ta' riżoluzzjoni ta' kunflitt fuq il-post tax-xogħol.
- ☐ Żamma ta' laqgħa u diskussjoni ta' problemi eżistenti fost il-ħaddiema. Inkoraġġixxi lill-ħaddiema nfushom sabiex jidentifikaw is-sors tal-problemi u sabiex isibu soluzzjonijiet.
- ☐ Assigurazzjoni li l-gruppi jew tîmijiet ikollhom il-formazzjoni xierqa.
- ☐ Għoti ta' taħriġ dwar kif iġġestixxi kunflitti interpersonali. Assigurazzjoni li maniġers speċjalment huma mħarrġa u għandhom is-sengħa b'mod xieraq sabiex iġestixxu n-nies.
- ☐ Promozzjoni ta' kultura ta' rispett.
- ☐ Assigurazzjoni li ħaddiema vulnerabbli (bħalma huma ħaddiema żgħażagħ) huma protetti, e. ż. permezz ta' gwida u support ta' supervajżers.
- ☐ Żvilupp u implimentazzjoni ta' politika kontra l-bullying.
- ☐ Iddiżinjar ta' postijiet tax-xogħol li jipproteġu l-ħaddiema mill-vjolenza (e. ż. barrieri speċjali, sistemi ta' monitoraġġ).
- ☐ Evitar ta' ħidma b'mod solitarju.
- ☐ Tħaddin ta' politika ta' kif wieħed iġestixxi l-vjolenza kontra l-personal u jiġi muri lill-pubbliku (turija li dan mhuwiex tollerat u kif l-organizzazzjoni ser iġġestixxi attakki fuq il-personal).
- ☐ Tħaddin ta' sistemi ta' komunikazzjoni effettiva sabiex inċidenti dwar informazzjoni u problemi possibbli bi vjolenza jiġu mmexxija.
- ☐ Taħriġ għall-ħaddiema dwar x'jagħmlu f'sitwazzjoni li jkun hemm vjolenza (għarfien, tixrid, kisba ta' għajnuna, rappurar eċċ.)

### SOSTENN

- ☐ Taħriġ lill-maniġers fl-għoti ta' sostenn permezz ta' feedback kostruttiv, tifħir u sostenn lil dawk ta' taħthom.
- ☐ Implimentazzjoni speċjali dwar taħriġ fuq ix-xogħol għal impjegati ġodda; permezz ta' l-użu ta' personal b'esperjenza għall-istruzzjoni, superviżjoni u gwida ta' personal ġdid.
- ☐ Komunikazzjoni ċara u bil-miftuħ dwar it-tibdil kollu ppjanat (inklużi tkeċċijiet) mal-personal u r-rappreżentanti tagħhom (qabel, matul u wara t-tibdil).
- ☐ Għoti ta' l-opportunità lill-personal sabiex jiddiskutu u jinfluwenzaw il-bidla.
- ☐ Għoti ta' taħriġ speċjali u konsulenza professjonali lil ħaddiema bla xogħol rigward il-futur tal-karrieri tagħhom.

## PARTI IV: IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI – GĦAL SETTURI SPEĊIFIĊI

### Lista ta' kontroll: Xogħol fl-uffiċċju

### Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **L-AMBJENT TAL-POST TAX-XOGĦOL** | | |
| Hemm kisi addattat għall-art (mingħajr toqob u xkiel)? | ○ | ● |
| Hemm mikroklima addattata (jiġifieri t-temperatura, ir-radjazzjoni tax-xemx, l-umdità, iċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, eż., skond x'jgħidu r-regolamenti nazzjonali, l-esperti jew wara konsultazzjoni ma' l-istaff)? | ○ | ● |
| Id-daqs tal-kamra huwa proporzjonat għan-numru ta' impjegati li jaħdmu fiha (eż. skond ir-regolamenti legali nazzjonali)? | ○ | ● |
| Hemm dawl naturali fil-kamra? | ○ | ● |
| Fil-każ ta' xogħol b'Video Display Units (VDUs), it-twieqi huma mgħammra b'tendini, parasols jew purtieri li jistgħu jneħħu (jew inaqqsu kemm jista' jkun) id-dawl li jaqa' fuq l-iskrin? | ○ | ● |
| Is-sorsid-dwal, it-twieqi u l-bibien, l-għamara bil-verniċ jew il-ħitan qed jikkawżaw riflessi fuq l-iskrins tal-kompjuters? | ● | ○ |
| L-istorbju jfixkel mill-attenzjoni u mill-komunikazzjoni verbali? | ● | ○ |
| Il-wajers u l-kejbils ifixklu lill-impjegati milli jiċċaqilqu bil-libertà jew huma ta' periklu għaliex jistgħu jwaqqgħu lil xi ħadd? | ● | ○ |
| L-impjegati għandhom spazju biżżejjed biex ibiddlu l-pożizzjoni tagħhom? | ○ | ● |
| Il-bini huwa mnaddaf u miżmum f'kundizzjoni tajba kif suppost? | ○ | ● |
| Huwa disponibbli tagħmir ta' l-ewwel għajnuna (u personal imħarreġ biex jużah)? | ○ | ● |
| Ir-rotot tal-ħruġ f'każ ta' emerġenza huma mmarkati kif suppost u miżmuma ħielsa mill-ingombri? | ○ | ● |
| **VIDEO DISPLAY UNITS (VDUS) U KOMPJUTERS PERSONALI** | | |
| L-immaġni fuq il-VDUs huma ddefiniti sew, iffurmati b'mod ċar u ta' daqs addattat bi spazju biżżejjed bejn linja u oħra? | ○ | ● |
| L-immaġni fuq il-VDUs huma ħielsa mill-vibrazzjonijiet (mhumiex imċajpra jew jirtogħdu)? | ○ | ● |
| It-tleqqija jew il-kuntrast bejn il-karattri u l-isfond jistgħu jiġu aġġustati faċilment minn min ikun qed jużahom? | ○ | ● |
| Il-VDUs jistgħu jiġu mċaqilqa skond il-ħtiġijiet ta' min ikun qed jużahom (imdawra, immejla, eċċ.) u ffissati fil-pożizzjonijiet meħtieġa? | ○ | ● |





| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| Id-dawl ġenerali u lokali jiżgura dawl u kuntrast sodisfaċenti bejn l-iskrin u l-isfond tal-VDUs? | ○ | ● |
| Id-distanza bejn l-għajnejn u l-iskrin hija ta' 50 – 80 ċm? | ○ | ● |
| L-iskrin huwa ħieles minn riflessi li jistgħu jfixklu l-vista? | ○ | ● |
| It-tastiera tal-kompjuter hija separata mill-iskrin, u tippermetti pożizzjoni komda għat-tronk, għad-dirgħajn u għall-idejn? | ○ | ● |
| L-ispazju quddiem it-tastiera tal-kompjuter u l-maws huwa biżżejjed biex ikun hemm appoġġ għall-polzi ta' min ikun qed jużahom? | ○ | ● |
| It-tastiera tal-kompjuter u l-maws qegħdin qrib xulxin; qegħdin fuq l-istess livell? | ○ | ● |
| Il-wiċċ tat-tastiera tal-kompjuter huwa matt sabiex ma jkunx hemm riflessi? | ○ | ● |
| Is-simboli fuq il-buttuni jistgħu jingħarfu faċilment? in-nies jistgħu jaqrawhom sew mill-pożizzjoni korretta għax-xogħol? | ○ | ● |
| **TAGĦMIR FIL-POST TAX-XOGĦOL** | | |
| Is-siġġu huwa stabbli u jiżgura movimenti bil-libertà u pożizzjoni komda għall-ġisem? | ○ | ● |
| L-għoli tas-siġġu jista' jiġi aġġustat faċilment? | ○ | ● |
| L-għoli ta' dahar is-siġġu jista' jiġi aġġustat? | ○ | ● |
| Jekk ikun meħtieġ, hemm appoġġ għad-dirgħajn? | ○ | ● |
| Jekk ikun meħtieġ, hemm appoġġ għas-saqajn? | ○ | ● |
| It-tagħmir u l-oġġetti l-oħra li jintużaw l-aktar ta' spiss fil-post tax-xogħol jistgħu jintlaħqu mingħajr ma l-ħaddiem idawwar rasu u t-tronk? | ○ | ● |
| L-għoli ta' l-iskrivanija jiżgura li s-saqajn u l-koxox jistgħu jiġu mċaqilqa? | ○ | ● |
| It-tagħmir li jżomm il-paġni jista' jiġi aġġustat? jista' jiġi ffissat f'pożizzjoni li tiżgura li min jużah ikun jista' jaqra l-paġna bil-kumdità? | ○ | ● |
| **ERGONOMIJA TAS-SOFTWER** | | |
| Is-softwer jilħaq ir-rekwiżiti tax-xogħol? | ○ | ● |
| Is-softwer jista' jiġi aġġustat għal-livell ta' min għadu jibda? | ○ | ● |
| Is-softwer għandu għajnuna bil-lingwa ta' min jużah? | ○ | ● |
| Is-softwer jippreżenta l-informazzjoni f'għamla li hija addattata għal min jużah? | ○ | ● |
| L-impjegat isib għajnuna f'każ li jkun hemm problemi bis-softwer? | ○ | ● |

L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U L-GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI I ELEMENTI ESSENZJALI FL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJI

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **ORGANIZZAZZJONI TAX-XOGĦOL** | | |
| F'każ ta' xogħol kontinwu quddiem l-iskrin, huwa possibbli li l-impjegat jaqta' kultant ħin mix-xogħol jew li jbiddel it-tip ta' xogħol? | ○ | ● |
| Il-ħin li ħaddiem tabilħaqq iqatta' jaħdem quddiem l-iskrin huwa inqas minn sitt sigħat kuljum? | ○ | ● |
| L-impjegati għandhom firxa ta' xogħlijiet differenti? | ○ | ● |
| L-impjegati jistgħu jikkontrollaw l-ordni li fih jagħmlu x-xogħlijiet? | ○ | ● |
| L-impjegati jħossu pressjoni eċċessiva sabiex jilħqu għanijiet jew limiti ta' żmien ibsin li fih iridu jtemmu x-xogħol? | ● | ○ |
| Dak li jimpjega jiżgura ruħu li l-ħaddiema jingħataw informazzjoni, taħriġ u konsultazzjoni qabel ma jkunu stabbiliti, jinżammu jew jittejbu l-postijiet tax-xogħol li jinvolvu l-użu tal-kompjuters? | ○ | ● |
| **PERIKLI GĦAS-SAĦĦA** | | |
| Tingħata attenzjoni għall-ilmenti ta' l-impjegati dwar problemi bil-vista tagħhom? | ○ | ● |
| Hemm monitoraġġ sistematiku tal-vista ta' l-impjegati (kif meħtieġ mil-leġislazzjoni nazzjonali)? | ○ | ● |
| Jekk l-eżami tat-tabib ta' l-għajnejn juri li n-nuċċali jew il-lenti ta' kuntatt użat(i) mill-impjegati mhux addattata(i) sabiex jaħdmu bil-VDUs, l-impjegat jingħata n-nuċċali li jeħtieġ sabiex ikun jista' jara sew? | ○ | ● |
| Jekk l-impjegati jilmentaw b'uġigħ fil-muskoli u fl-għadam (fl-għonq, fid-dahar, fl-ispallejn, fis-saqajn), issir evalwazzjoni ergonomika? | ○ | ● |

**POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK**

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

**AMBJENT TAL-POST TAX-XOGĦOL**

- ☐ Isiru evalwazzjonijiet tar-riskji b'mod regolari.
- ☐ Ikunu kkonsultati l-membri ta' l-istaff dwar bidliet addattati fl-ambjent tax-xogħol.
- ☐ Jitkejlu u jiġu mmonitorjati l-parametri ambjentali.
- ☐ Jiġu involuti l-esperti meta jkunu qed jiġu ddisinjati (jew mgħammra mill-ġdid) il-postijiet tax-xogħol.

**VIDEO DISPLAY UNITS (VDUS) U L-KOMPJUTERS PERSONALI**

- ☐ Ikun żgurat li jintuża t-tagħmir addattat għal kull tip ta' attività tax-xogħol.
- ☐ Jitqiesu l-aspetti ergonomiċi meta jiġu ddisinjati (jew mgħammra mill-ġdid) il-postijiet tax-xogħol.

**APPARAT FIL-POST TAX-XOGĦOL**

- ☐ Il-manutenzjoni regolari ta' l-apparat.
- ☐ L-arranġament mill-ġdid taż-żona tax-xogħol (intervent ergonomiku).

**INTERAZZJONI BEJN IL-PERSUNA U L-MAGNA (L-ERGONOMIJA TAS-SOFTWER)**

- ☐ L-impjegati jitħarrġu kif jużaw is-softwer.
- ☐ Jiġu applikati r-riżultati ta' l-iżvilupp tekniku (aġġornamenti u titjib fis-softwer).

**ORGANIZZAZZJONI TAX-XOGĦOL**

- ☐ L-impjegati jiġu pprovduti bi struzzjonijiet xierqa għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.
- ☐ Evalwazzjoni kontinwa ta' kemm qed jaħdmu l-miżuri preventivi.
- ☐ L-impjegati jiġu kkonsultati dwar deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-organizzazzjoni tax-xogħol.
- ☐ Jiġu mmonitorjati l-effetti fuq is-saħħa tal-ħinijiet u ta' l-iskedi tal-ħin tax-xogħol.

**PERIKLI GĦAS-SAĦĦA**

- ☐ It-titjib fil-funzjonalità ergonomika tat-tagħmir fil-post tax-xogħol, speċjalment fir-rigward ta' l-ispazju bejn l-iskrivanija, l-iskrin u s-siġġu.
- ☐ It-titjib fid-dawl, jitneħħew ir-riflessi u l-leħħa tad-dawl li tweġġa' fuq il-VDUs.
- ☐ Il-monitoraġġ mediku sistematiku ta' saħħet l-impjegati (speċjalment għall-problemi bil-vista u bil-muskoli u l-għadam).

# Lista ta' kontroll: Il-kostruzzjoni

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| Il-ħaddiema jistgħu jaslu fil-post tax-xogħol tagħhom mingħajr periklu? | ○ | ● |
| Is-sit huwa mdawwar b'ċint jew ħajt sabiex il-pubbliku ma jkunx jista' jidħol ġewwa? | ○ | ● |
| Qed jittieħdu miżuri li jħarsu lill-membri tal-pubbliku (bħall-persuni li jkunu għaddejjin qrib is-sit)? | ○ | ● |
| Ir-rotot tat-traffiku huma mnaddfa u mdawwla sew? | ○ | ● |
| Il-vetturi huma mgħammra b'sireni li jagħmlu ħoss ta' 'BIP' meta jimxu lura? | ○ | ● |
| Is-sit huwa ħieles mill-imbarazz u mqassam sew? | ○ | ● |
| Is-sit huwa mdawwal sew? | ○ | ● |
| Hemm sinjali tas-sigurtà addattata fil-post (per eżempju, ir-rotot tat-traffiku, il-personal awtorizzat, eċċ.)? | ○ | ● |
| Il-faċilitajiet ta' benesseri huma biżżejjed (kmamar fejn il-ħaddiema jistgħu jbiddlu ħwejjiġhom, fejn jistgħu jinħaslu, eċċ.)? | ○ | ● |
| Hemm faċilitajiet fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jieklu (kantin, eċċ.)? | ○ | ● |
| Il-faċilitajiet għall-ewwel għajnuna u għas-sorveljanza tas-saħħa huma żgurati? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema ġew mgħallma u mħarrġa fuq kif jerfgħu tagħbijiet b'idejhom mingħajr periklu? | ○ | ● |
| Huwa provdut tagħmir addattat għall-irfigħ sabiex jiġu merfugħa tagħbijiet tqal? | ○ | ● |
| Ġew identifikati l-linji ta' l-elettriku eżistenti (ta' taħt l-art jew ma' l-arbli)? | ○ | ● |
| Hemm sistema ta' xogħol li tieħu ħsieb-linji li minnhom għaddej l-elettriku? | ○ | ● |
| Jittieħdu prekawzjonijiet sabiex ikun żgurat li s-sistemi u t-tagħmir ta' l-elettriku jinżammu f'kundizzjoni tajba u li jiġu spezzjonati spiss minn persuna kompetenti? | ○ | ● |
| L-armar ittella', tbiddel u żżarma minn persuni kompetenti? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jikkontrollaw l-armar perjodikament? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jużaw slielem mobbli biss għal xogħol ħafif li ma jdumx ma jitlesta u meta ma jkun hemm l-ebda għażla oħra? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jafu liema huwa l-mod l-inqas perikoluż sabiex iqiegħdu fil-post u jużaw is-slielem mobbli? | ○ | ● |
| Il-wisa' taż-żona tax-xogħol fuq l-armar hija dejjem akbar mill-inqas wisa' possibbli (jiġifieri aktar minn 60 ċm)? | ○ | ● |
| Il-lifts u l-paranki ġew stallati tajjeb u jiġu ċċekkjati minn persuni kompetenti? | ○ | ● |
| L-impjegati jużaw irpari xierqa jew jilbsu ċinturini tas-sigurtà meta jaħdmu fl-għoli? | ○ | ● |
| Ittieħdu miżuri sabiex ma jħallux li jaqgħu l-ħaddiema u l-oġġetti? | ○ | ● |

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| Il-persuni kollha li qegħdin fis-sit jilbsu t-tagħmir protettiv korrett (eż. iż-żraben, l-elmu)? | ○ | ● |
| Qed jintużaw miżuri protettivi xierqa sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-espożizzjoni għat-trab (eż. injam, siment jew silika)? | ○ | ● |
| Qed jintużaw miżuri protettiv addattati sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-espożizzjoni għall-istorbju u għall-vibrazzjonijiet? | ○ | ● |
| L-apparat u l-makkinarju tax-xogħol qed jinżamm f'kundizzjoni sikura? | ○ | ● |
| L-istrumenti għas-sigurtà tal-magni (jiġifieri is-sinjali bil-ħoss, l-irpar) jaħdmu? | ○ | ● |
| Jintuża t-tagħmir għall-ħarsien tat-taħfir biex jitnaqqas kemm jista' r-riskju li jċedi? | ○ | ● |
| L-operaturi tal-vetturi u ta' l-impjant huma mħarrġa kif suppost? | ○ | ● |
| L-impjegati kollha jingħataw informazzjoni dwar ir-riskji potenzjali u l-miżuri preventivi stabbiliti b'lingwa u f'livell li jistgħu jifhmuhom? | ○ | ● |

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U L-GĦAŻLA TAL-MIŻURI PREVENTIVI I ELEMENTI ESSENZJALI FL-EVALWAZZJONI TAR-RISKJI

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

### IL-FAŻI TAD-DISINN TAL-PROĠETT

- ☐ Ikun żgurat li s-sigurtà u s-saħħa huma integrati fid-disinn u l-pjanta tal-bini.
- ☐ Jiġu eliminati r-riskji ta' waqgħat billi jkunu provduti slielem addattati jintużaw b'angolu kif suppost għal mal-ħajt u jkunu u jkunu marbuta tajjeb f'kaz ta' movimenti involonatrji.
- ☐ Jitfasslu u jiġu stallati rotot ta' aċċess għas-soqfa.
- ☐ Jiġi żgurat li kull apparat ta' rfigħ u kull parti mit-tagħmir ta' l-irfigħ, inklużi l-elementi kostitwenti, iż- żjidiet, l-anktraġġi u l-appoġġi tagħhom huma ta' disinn u binja tajba, ġew stallati u jintużaw kif suppost, jinżammu f'kondizzjoni ta' xogħol tajba, jiġu eżaminati u ttestjati minn persuna kompetenti skond ir-regolamenti nazzjonali u jitħaddmu minn ħaddiema li ngħataw it-taħrig meħtieġ.
- ☐ Ikun ipprovdut dawl adegwat u addattat f'kull post tax-xogħol, f'kull indana taraġ u fi kwalunkwe post ieħor fis-sit tal-kostruzzjoni minn fejn jista' jgħaddi ħaddiem.
- ☐ L-attivitajiet ta' twaqqigħ ta' bini jiġu ppjanati u jsiru biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.
- ☐ Jiġi organizzat ir-rimi kif suppost ta' l-iskart tal-kostruzzjoni.
- ☐ Il-manutenzjoni jew it-twaqqigħ tal-bini: jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha f'każ li jsir xogħol bl-asbestos.
- ☐ Ikun ipprovdut in-numru addattat ta' faċilitajiet sanitarji u tal-ħasil kif ukoll post fejn jieklu u jistkennu l-ħaddiema waqt l-interruzzjoni mix-xogħol minħabba temp ħażin.

### IL-FAŻI ORGANIZZATTIVA

- ☐ Tiġi modifikata l-iskeda tax-xogħol sabiex jitnaqqsu r-riskji, jekk tinqala' l-ħtieġa.
- ☐ Jiġu organizzati x-xogħlijiet li jinvolvu azzjonijiet protettivi simili sabiex isiru fl-istess ħin ħalli jkunu pprovduti miżuri protettivi kollettivi.
- ☐ Ikun żgurat li l-impjegati kollha, inklużi dawk li ma jifhmux il-lingwa nazzjonali sew, huma familjari mar-riskji potenzjali fis-sit, mal-miżuri stabbiliti għas-sigurtà u mar-responsabbiltajiet tagħhom fejn għandhom x'jaqsmu l-kwistjonijiet tas-saħħa u tas-sigurtà.
- ☐ Ikun ipprovdut it-tagħmir protettiv personali meħtieġ (elmi, ingwanti, maskri, żraben tas-sigurtà) lill-ħaddiema.
- ☐ Ikun hemm materjal għall-ewwel għajnuna fis-sit.

### IL-FAŻI EŻEKUTTIVA

- ☐ Jiġi appuntat koordinatur għas-saħħa u s-sigurtà li huwa mħarreġ fi kwistjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà.
- ☐ Tiġi spezzjonata kuljum il-kundizzjoni ta' l-armar, qabel ma jinbeda kwalunkwe xogħol fis-sit.
- ☐ Qatt ma jiżżarmaw partijiet mill-armar qabel ma jitlestew ix-xogħlijiet kollha.
- ☐ Ikun żgurat li l-wisa' taż-żona tax-xogħol fuq l-armar mhix t'inqas minn 60 ċm.
- ☐ Ħadd m'għandu jixxabbat ma' l-armar, dejjem għandu jintuża s-sellum rilevanti.
- ☐ Ikun żgurat li s-slielem mobbli jitqiegħdu b'angolu addattat mal-ħajt, bin-naħa ta' fuq tas-sellum 'il fuq mill-wiċċ li l-ħaddiem jitla' fuqu.
- ☐ Ikun żgurat li l-iskaluni tas-sellum ikunu koperti b'materjal li ma jiżloqx, u jinżammu ħielsa minn xi ngombri.
- ☐ Qatt m'għandu jintuża sellum li huwa itwal minn 6 m.
- ☐ Meta titla' jew tinżel sellum mobbli għandek dejjem tħares lejh, u tuża jdejk it-tnejn sabiex iżżomm is-sellum. Għandek dejjem tqiegħed l-għodod fil-kitt awżiljarju li jintlibes mill-qadd, u għandek tuża t-tagħmir ta' l-irfigħ għall-materjali li se jiġu wżati.
- ☐ Waqt li tkun qed taħdem fuq sellum mobbli qatt m'għandek tiġġebbed lejn il-ġnub.
- ☐ Qatt ma jsir xogħol fuq is-soqfa meta jkun hemm temp ħażin.
- ☐ Jitqiegħdu l-irpari meta jsir xogħol fl-għoli, inkluż xogħol fuq is-soqfa.
- ☐ Qatt m'għandek timxi fuq uċuħ li huma koperti b'materjal fraġli.
- ☐ Isir kontroll ta' kuljum tas-swiċċ ta' l-elettriku ewlieni fis-sit, u ta' kwalunkwe kejbil jew apparat ta' l-elettriku li minnha jkun ikun għaddej l-elettriku li jinsabu taħt, fuq jew fis-sit. Qatt m'għandu jinbeda xi xogħol qabel ma persuna kompetenti tagħmel dan il-kontroll.
- ☐ Il-prodotti tossiċi u perikolużi, u l-isplużivi jinżammu taħt kontroll u jkollhom tikketti u b'sinjali ċari li juru dan.
- ☐ Is-sit jinżamm mingħajr imbarazz f'kull ħin.
- ☐ Il-passaġġi u s-slielem jinżammu ħielsa mill-ingombri.

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

# Lista ta' kontroll: L-ipproċessar ta' l-ikel

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **TAGĦMIR TAX-XOGĦOL** | | |
| Jintużaw għodod bil-ponta (għodod ta' qtugħ skieken, imnanar, eċċ.)? | ● | ○ |
| Il-magni kollha huma mgħammra bl-irpari? | ○ | ● |
| Ix-xogħol isir fuq linja ta' produzzjoni (b'riskji li wieħed jinġibed, ibati minn qtugħ, amputazzjonijiet, eċċ.)? | ● | ○ |
| Jista' jinqabad xi lbies tail-ħaddiema bejn il-partijiet li jiċċaqilqu tal-magni u b'hekk iweġġgħu? | ● | ○ |
| Jintużaw il-magni li jagħmlu l-imniezel? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema jiġu f'kuntatt ma' materjali u/jew tagħmir jaħarqu jew iffriżati? | ● | ○ |
| Il-magni jitnaddfu u jinżammu f'kundizzjoni tajba meta jkunu mqabbda ma' l-elettriku? | ● | ○ |
| **PERIKLI KIMIĊI U BIJOLOĠIĊI** | | |
| Tintuża l-ammonja jew xi kimika oħra biex tkessaħ? | ● | ○ |
| Huwa meħtieġ li l-ħaddiem jidħol f'tankijiet, f'ċisterni u/jew f'ġibjuni magħluqa (eż. waqt spezzjoni, manutenzjoni, eċċ.)? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema huma f'kuntatt dirett ma' materjali li m'humiex ipproċessati u/jew materjali li ġejjin mill-annimali jew mill-pjanti (perikli bijoloġiċi)? | ● | ○ |
| **ISPLUŻJONIJIET** | | |
| Hemm trab miġrur millarja/li jimla l-ambjent tax-xogħol (eż. dqiq)? | ● | ○ |
| Hemm strumenti tal-pressjoni fil-post tax-xogħol? | ● | ○ |
| **KWALITÀ TA' L-ARJA** | | |
| Il-ħaddiema huma esposti għal riħa tinten? | ● | ○ |
| Jitħaddmu fannijiet mingħajr għata? | ● | ○ |
| Jintużaw respiraturi adegwati għall-ħarsien tas-sistema tan-nifs tal-ħaddiema? | ○ | ● |
| **RISKJI GĦAS-SAĦĦA** | | |
| Il-ħaddiema huma esposti għal ambjent sħun u/jew kiesaħ? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema jġorru tagħbijiet jew jaħdmu f'pożizzjonijiet li jgħajjuhom? | ● | ○ |
| L-impjegati jaħdmu b'ritmu monotonu jew sfurzat? | ● | ○ |
| Il-ħaddiema jaħdmu b'xiftijiet matul il-lejl? | ● | ○ |



## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

**TAGĦMIR TAX-XOGĦOL**

- ☐ Ikunu żgurati superviżjoni regolari u konsistenti tal-ħaddiema, spezzjoni tat-tagħmir tal-manifattura u tal-postijiet tax-xogħol.
- ☐ Jiġu stallati rpari addattati; jiġi żgurat li biċċiet speċifiċi tat-tagħmir (magni li jħawwdu, li jaqtgħu, eċċ.) huma mgħammra b'irpari.
- ☐ Jintuża t-tagħmir protettiv personali korrett.
- ☐ Jingħata taħriġ regolari relatat lejn ir-riskji speċifiċi għal dan is-settur.
- ☐ Jitħarrġu l-ħaddiema fl-użu kif suppost u fil-manutenzjoni tal-magni u tat-tagħmir; jitħallew iħaddmu t-tagħmir biss dawk il-ħaddiema li huma mħarrġa.
- ☐ Jiġi żgurat li l-ħaddiema jużaw bċejjeċ ta' tat-tagħmir speċifiċi skond il-proċeduri ta' sigurtà.
- ☐ Manutenzjoni u tindif regolari tal-bċejjeċ kollha tat-tagħmir.
- ☐ Tiġi żgurata l-klassifikazzjoni ta' bċejjeċ perikolużi tat-tagħmir.
- ☐ Magna qatt ma titnaddaf u tingħata manutenzjoni meta tkun imqabbda ma' l-elettriku.

**PERIKLI KIMIĊI U BIJOLOĠIĊI**

- ☐ Jintuża tagħmir protettiv personali korrett meta jsir xogħol bil-kimiċi (ingwanti, nuċċali tas-sigurtà, ħarsien għall-wiċċ, respiraturi).
- ☐ Jiġi żgurat l-immarkar xieraq taż-żoni fejn jinħażnu l-preparazzjonijiet kimiċi, ikunu konformi mar-regolamenti tax-xogħol lokali, inklużi l-istruzzjonijiet sabiex jiġi mmaniġġjat il-materjal għaż-żoni ta' ħażna u t-tagħmir tal-proċess.
- ☐ Ħadd ma jidħol f'tankijiet, f'ċisterni jew f'ġibjuni jekk ma jkunx hemm persuna oħra preżenti.
- ☐ Il-ħaddiema jsiru familjari ma' l-effetti tal-kimiċi wżati, mat-tip ta' protezzjoni kontra l-effetti tagħhom, u tkun ipprovduta l-ewwel għajnuna.
- ☐ Jiġu żgurati kontrolli ta' saħħet l-impjegati b'rabta mar-rekwiżiti speċifiċi tal-post tax-xogħol (evalwazzjoni medika).

**ISPLUŻJONIJIET**

- ☐ Tiġi valutata s-sigurtà tat-tagħmir li jkessaħ u tal-pressjoni; spezzjoni regolari tal-magni u tat-tagħmir.
- ☐ Tingħata attenzjoni speċjali għat-tindif u għall-manutenzjoni tal-magni u tat-tagħmir meta jkun hemm arja mimlija trab u b'riskju ta' splużjoni.

**KWALITÀ TA' L-ARJA**

- ☐ Jekk hemm atmosfera mniġġsa fil-post tax-xogħol, tkun stallata u miżmuma f'kondizzjoni tajba sistema ta' ventilazzjoni.
- ☐ Il-fannijiet qrib l-operaturi tal-magni jiġu mgħammra b'għata.
- ☐ Tiġi mmonitorjata l-kwalità ta' l-arja fil-post tax-xogħol.

**RISKJI GĦAS-SAĦĦA**

- ☐ Jinżammu l-istandards iġjeniċi kollha meħtieġa.
- ☐ Jiġu pprovduti informazzjoni u taħriġ regolari għall-ħaddiema.
- ☐ Isiru eżamijiet mediċi regolari għall-ħaddiema.
- ☐ Ikun hemm waqfien mix-xogħol kull tant ħin minħabba kwistjoni ta' sigurtà u jkun hemm skeda addattata li tinkludi perjodi ta' xogħol u mistrieħ.

# Lista ta’ kontroll: Xogħol fl-injam

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b’ ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t’hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **TAGĦMIR TAX-XOGĦOL** | | |
| Il-magni kollha huma mgħammra bl-irpari? | ○ | ● |
| Hemm struzzjonijiet għal prattika tax-xogħol mingħajr periklu? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema huma mħarrġa biex jużaw il-magni? | ○ | ● |
| Isiru spezzjonijiet u eżamijiet tat-tagħmir tax-xogħol b’mod regolari? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jużaw bsaten biex jiggwidaw biċċiet qosra jew dejqa ta’ l-istokk mis-segi? | ○ | ● |
| Huwa possibli li lbies il-ħaddiema jista’ jinqabad fil-partijiet li jiċċaqilqu u jiġbed lill-haddiem fil-periklu? | ● | ○ |
| **PERIKLI MILL-ELETTRIKU** | | |
| Il-magni li jaħdmu bl-elettriku kollha għandhom ert? | ○ | ● |
| Il-wajers, il-kejbils u l-plaggs ta’ l-elettriku jinżammu f’kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| L-iżbokki, il-kaxxi fejn jingħaqdu diversi kejbils ta’ l-elettriku, is-swiċis ult-tagħmir imwaħħal huma miksija? | ○ | ● |
| It-tagħmir bi klassifikazzjoni ta’ periklu huwa mogħti l-grad xieraq għall-ambjent tax-xogħol? | ○ | ● |
| **KWALITÀ TA’ L-ARJA** | | |
| Għandek sistema ta’ egżost fis-sors għall-magni tax-xogħol fl-injam, li tinxtegħel b’mod awtomatiku meta jintużaw il-magni? | ○ | ● |
| Tikkontrolla l-istallazzjonijiet ta’ l-egżost b’mod regolari? | ○ | ● |
| Tnaddaf u tneħħi t-trab mis-soqfa (minn ġewwa), mill-ħitan diviżorji u mit-tubi tal-kejbils? | ○ | ● |
| Tevalwa l-kwalità ta’ l-arja fil-post tax-xogħol? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jużaw respiratur meta jaħdmu fil-kabini fejn jagħtu l-isprej? | ○ | ● |
| **KIMIĊI** | | |
| Il-ħaddiema kollha li jużaw kimiċi perikolużi huma mħarrġa b’mod regolari? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jużaw tagħmir protettiv personali meta jaħdmu bil-kimiċi (ingwanti, nuċċalijiet jew ħarsien għall-wiċċ, respiraturi)? | ○ | ● |
| Iżżomm il-kimiċi ’l bogħod minn sorsi tan-nar? | ○ | ● |

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **ISTORBJU U VIBRAZZJONIJIET** | | |
| Tevalwa l-livelli ta’ l-istorbju fil-post tax-xogħol? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema li huma esposti għal livell għoli ta’ storbju jużaw ħarsien għall-widnejn? | ○ | ● |
| Tevita l-vibrazzjonijiet li jistgħu jgħaddu mill-magna fil-biċċa tax-xogħol u għal driegħ il-ħaddiem? | ○ | ● |
| **RISKJI GĦAS-SAĦĦA** | | |
| Torganizza eżamijiet mediċi speċjali għall-istaff? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema li huma esposti għal livell għoli ta’ storbju jintbagħtu għal testijiet tas-smigħ (awdjometriċi) b’mod regolari? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema huma mħarrġa dwar kif għandhom jerfgħu u jġorru t-tagħbijiet? | ○ | ● |
| Tipprova tilqa’ l-ħtiġijiet speċjali tal-ħaddiema meta tirranġa l-post tax-xogħol tagħhom (l-ergonomija)? | ○ | ● |

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

### TAGĦMIR TAX-XOGĦOL

- ☐ Jiġi żgurat li l-operatur u l-magna huma mgħammra b'aċċessorji ta' sigurtà li huma adattati għall-perikli tax-xogħol.
- ☐ Jintuża tagħmir skond l-informazzjoni u l-manwal tal-manifattur.
- ☐ Isiru kontrolli tekniċi regolari fuq it-tagħmir.
- ☐ Jiġu istallati l-irpari addattati.
- ☐ Il-ħaddiema jitħarrġu kif iħaddmu u jżommu l- apparat f'kondizzjoni tajba.
- ☐ Jiġi żgurat li t-tagħmir u l-gwardji tax-xogħol fl-injam jinżammu f'kondizzjoni tajba u jitnaddfu b'mod regolari.
- ☐ Jitħallew iħaddmu u jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tat-tagħmir biss il-ħaddiema mħarrġa u awtorizzati.

### PERIKLI TA' L-ELETTRIKU

- ☐ Il-magni kollha jkollhom l-ert inklużi l-mutur u l-qafas.
- ☐ L-istallazzjonijiet ta' l-elettriku jiġu ċċekkjati b'mod regolari.

### KWALITÀ TA' L-ARJA

- ☐ Tiġi provduta ventilazzjoni lokali għall-egżost fil-magni kollha tax-xogħol fl-injam u sistemi indipendenti ta' l-egżost għax-xogħlijiet ta' sprejjar, żebgħa jew kisi.
- ☐ Il-ħanut tax-xogħol jitnaddaf bl-idejn b'mod regolari.
- ☐ Tiġi spezzjonata u mnaddfa s-sistema tal-ventilazzjoni għall-egżost fuq bażi regolari sabiex tinżamm l-aktar effiċjenza possibbli.
- ☐ Qatt ma jitħalla li t-trab li jinġema' jitfarfar permezz ta' arja kompressata.

### KIMIĊI

- ☐ Il-kisi u l-kolla li għandha bażi ta' solvent jiġu sostwiti b'kisi u kolla li huma inqas tossiċi jew li m'huma tossiċi xejn.
- ☐ Jintużaw sistemi awtomatizzati sabiex jiġu applikati l-kisi u l-kolla.
- ☐ Il-ħaddiema jitħarrġu għal xogħol mingħajr periklu b'kimiċi perikolużi.

### ISTORBJU U VIBRAZZJONIJIET

- ☐ Jitnaqqsu l-livelli ta' l-istorbju b'miżuri differenti fuq il-magni (il-kontroll tas-sors).
- ☐ Jitnaqqsu l-livelli ta' l-istorbju bl-iżolament, bl-imblukkar, billi titbiddel id-direzzjoni u permezz ta' assorbiment (il-kontroll tal-mogħdija).
- ☐ Jintużaw iżolaturi tal-vibrazzjonijiet jew teknika ta' *dumping* fuq it-tagħmir.
- ☐ Jiġu ristretti n-numru ta' sigħat li matulhom ħaddiem juża għodda li tivvibra.
- ☐ L-impjegati jitħallew jitbiegħdu mis-sors ta' vibrazzjoni permezz ta' waqfien mix-xogħol ta' bejn 10 u 15-il minuta kull siegħa.

### RISKJI GĦAS-SAĦĦA

- ☐ L-edukazzjoni regolari tal-ħaddiema dwar ir-riskji fuq ix-xogħol u dwar stil ta' ħajja tajjeb b'saħħtu.
- ☐ L-eżami perjodiku tal-ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu r-riskji għal saħħithom fil-postijiet tax-xogħol tagħhom.
- ☐ Ikun ipprovdut waqfien mix-xogħol minħabba sigurtà u skeda addattata li tinkludi perjodi ta' xogħol u mistrieħ.





# Lista ta' kontroll: Tiswijiet tal-karozzi

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| L-uċuħ ċatti (l-art, il-ħofra ta' l-ispezzjoni, eċċ.) huma mnaddfa b'mod regolari? | ○ | ● |
| L-impjegati huma obbligati jnaddfu l-post tax-xogħol? | ○ | ● |
| L-uċuħ ċatti (l-art, il-pit fil-pompa tal-petrol, eċċ.) fihom żebgħa reżistenti għal kontra s-sustanzi li qed jintużaw (eż. iż-żejt, iż-żejt tad-diżil, il-petrol)? | ○ | ● |
| Iż-żejt li qed jintuża (qadim u ġdid) jinġabar f'kontenituri apposta? | ○ | ● |
| It-taraġ għall-ħofra ta' l-ispezzjoni huma magħmula minn materjal li ma jiżloqx? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema jilbsu żraben biex ma jiżolqux? | ○ | ● |
| Hemm poġġamani mat-truf tal-pjattaformi jekk ma jkunux magħluqa? | ○ | ● |
| Jintqal lill-impjegati biex: "ma jirfsux fuq iċ-ċilindri ta' l-apparat li jittestja l-brejkijiet"? | ○ | ● |
| Jintqal lill-impjegati sabiex: "ma jgħaddux taħt vetturi merfugħa"? | ○ | ● |
| Il-ħofra ta' l-ispezzjoni tkun mgħottija b'mod li ma jkunx hemm periklu wara ix-xogħol? | ○ | ● |
| Il-ħofra ta' l-ispezzjoni hija mmarkata b'mod addattat jew imdawra b'poġġamani sabiex ikun evitat li xi ħadd jaqa' għal isfel? | ○ | ● |
| Hemm uħud mill-impjegati li jaħdmu f'żoni dojoq? | ● | ○ |
| Is-sinjali akustiċi u s-sinjali l-oħra jingħarfu f'żoni ta' xogħol dojoq (eż. apparat li jkejjel)? | ○ | ● |
| Hemm post fiss għall-għodod tax-xogħol? | ○ | ● |
| Hemm postijiet immarkati (eż. ma' l-art) minfejn il-karozzi jidħlu fil-garaxx għat-tiswija? | ○ | ● |
| Hemm struzzjonijiet ta' sigurtà sabiex il-karozzi jidħlu u joħorġu fejn isirulhom it-testijiet? | ○ | ● |
| Jiġu implimentati miżuri sabiex tkun evitata ħsara fil-bodi (eż. iwweldjar, ħakk biex jiġi llixxat il-wiċċ, jagħtu ż-żebgħa)? | ○ | ● |
| Hemm regoli stabbiliti definiti tas-sigurtà għax-xogħlijiet ta' mmuntar (eż. xogħol fuq il-bodi, il-magna)? | ○ | ● |
| Hemm regoli definiti tas-sigurtà tax-xogħlijiet fuq it-tankijiet tal-petrol (eż. tiswijiet)? | ○ | ● |
| Hemm rotot jew miżuri tas-sigurtà definiti tas-sigurtà sabiex ikunu evitati partijiet li jaqgħu mill-vettura (eż. meta tintrefa' karozza)? | ○ | ● |
| Hemm irpari protettivi sabiex ma jkunx hemm kuntatt bejn il-ħaddiema u partijiet li jkunu qed iduru (eż. waqt li tkun qed tiġi bbilanċjata waħda mir-roti li jduru)? | ○ | ● |
| Ġew implimentati miżuri sabiex ikun evitat li l-ħaddiema jinqabdu minn xi partijiet li jduru (eż. waqt li l-magna titlesta għall-użu)? | ○ | ● |

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●
*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| Ix-xatba tal-garaxx tista' tintrabat b'mod li ma tkunx tista' tingħalaq waħedha (eż. minħabba riħ qawwi, waqt li l-karozzi jkunu għaddejja minnha)? | ○ | ● |
| Hemm miżuri organizzattivi u tekniċi fis-seħħ sabiex in-nirien u sħana jkunu evitati meta, per eżempju, jkun hemm karozza tinxef miż-żebgħa fil-kamra? | ○ | ● |
| Hemm struzzjonijiet sabiex ikun evitat in-nar fil-kamra fejn jinżammu l-akkumulaturi? | ○ | ● |
| Ġew implimentati miżuri sabiex tkun evitata splużjoni waqt li l-akkumulaturi jkunu qed jiġu ċċarġjati? | ○ | ● |
| Hemm miżuri għal-lest sabiex it-tagħmir ta' l-elettriku jitħares mill-ilma? | ○ | ● |
| Qed jintużaw miżuri protettivi addattati sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-espożizzjoni għat-trab u l-għabra (eż. waqt li jsir ħakk biex jiġi llixxatt wiċċ, waqt l-iwweldjar, meta tingħata ż-żebgħa)? | ○ | ● |
| Id-dawl fil-ħofra ta' l-ispezzjoni huwa adegwat sabiex isir xogħol viżwali? | ○ | ● |
| It-temperatura fil-pompa tal-petrolhija tajba biex isir ix-xogħol kemm fix-xitwa u kemm fis-sajf? | ○ | ● |
| Hemm bżżejjed ventilazzjoni meta jsir xogħol fil-ħofra ta'l-ispezzjoni (eż. l-iwweldjar, il-ħakk biex jiġi llixxatt wiċċ xi ħaġa)? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema għandhom possibbiltajiet u l-ħiliet adegwati sabiex jagħmlu xogħolhom? | ○ | ● |

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

- ☐ L-uċuħ ċatti, l-art, fil-ħofra ta'l-ispezzjoni, eċċ. jinżammu b'mod li ma jkunux perikolużi u ma jiżolqux; il-post fejn isir ix-xogħol jitnaddaf b'mod regolari.
- ☐ Isir tindif bir-reqqa wara ħakk biex jiġi llixxatt wiċċ, tingħata ż-żebgħa, eċċ.
- ☐ Jintuża materjal addattat (sustanzi likwidi li m'humiex assorbenti) għal uċuħ ċatti.
- ☐ Tiġi applikata l-proċedura korretta meta jitferra' ż-żejt mill-bittija fejn kien maħżun u meta jinġabar iż-żejt użat f'bittija apposta; jitnaddaf iż-żejt minn ma' l-art.
- ☐ Jintlibsu ż-żraben protettivi sabiex wieħed ma jiżloqx.
- ☐ It-taraġ fil-ħofra ta'l-ispezzjoni jkun kopert b'materjal li ma jiżloqx.
- ☐ Il-ħaddiema qatt m'għandhom jirfsu l-apparat li jittestja l-brejkijiet. Lanqas m'għandhom joqogħdu qrib il-mogħdija dijanjostika waqt it-test tal-brejkijiet.
- ☐ Il-ħaddiema qatt m'għandhom jgħaddu taħt vetturi merfugħa.
- ☐ Il-ħaddiema qatt m'għandhom jidħlu f'ħofra ta'l-ispezzjoni magħluqa fil-garaxx tat-tiswija.
- ☐ Il-ħofra ta'l-ispezzjoni fil-garaxx tat-tiswija għandha titgħatta wara li jkun sar ix-xogħol.
- ☐ Il-linji ta' l-elettriku, dawk idrawliċi u l-linji pnewmatiċi m'għandhomx jinżammu fin-nofs.
- ☐ Għandhom ikunu indikati postijiet fissi għall-għodod tax-xogħol, li għandhom jintużaw kemm waqt ix-xogħol kif ukoll wara li jkun intemm.
- ☐ Ikunu mmarkati (eż. ma' l-art) il-passaġġi minn fejn jgħaddu l-karozzi u t-trasport.
- ☐ Ikun żgurat li l-partijiet li jiċċaqilqu ta' l-apparat ta' l-irfigħ ikun ikkontrollat u mqiegħed kif suppost; tqigħedx idek fil-partijiet li jiċċaqilqu.
- ☐ Ikun żgurat li l-attivitajiet kollha jsiru minn ħaddiema mħarrġa sew; jiġu rispettati l-proċeduri ta' sigurtà meħtieġa.
- ☐ Jintużaw biss l-għodod irikkmandati u sikuri għal operazzjonijiet b'akkumulaturi.
- ☐ Tkun żgurata ventilazzjoni tajba sabiex ikun evitat li jinħolqu taħlitiet esplożivi minn gassijiet u likwidi differenti. Qatt m'għandu jsir tipjip f'żoni perikolużi.
- ☐ Jitħares it-tagħmir ta' l-elettriku kollu mill-umdità, mill-irtuba u mill-ilma.
- ☐ Ikun ipprovdut it-tagħmir protettiv personali meħtieġ (ingwanti, maskri, żraben tas-sigurtà) għall-ħaddiema.
- ☐ Ikunu użati sistemi ta' ventilazzjoni u ta' l-egżost effettivi sabiex jitneħħew il-gassijiet jew eżalazzjonijiet perikolużi; fejn dawn m'humiex effettivi għalkollox, għandu jintuża tagħmir protettiv personali addattat.
- ☐ Jiġi stallat dawl adegwat fil-ħofra ta'l-ispezzjoni.
- ☐ Iż-żoni kollha tax-xogħol jiġu mgħammra bi strumenti li jsaħħnu/ikessħu sabiex jinkisbu kondiizzjonijiet ta' xogħol xierqa.
- ☐ Isiru eżamijiet mediċi regolarment.

# Lista ta' kontroll: Agrikoltura

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●
*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **MAKKINARJU U TAGĦMIR TAX-XOGĦOL** | | |
| Il-ħaddiema huma mħarrġa fit-tħaddim mingħajr periklu l-magni u tat-tagħmir tax-xogħol? | ○ | ● |
| L-irpari tax-xaftijiet ikkonnettjati mal-volant PTO u l-irpari l-oħra tal-makkinarju u ta' tat-tagħmir tax-xogħol jinsabu kollha f'posthom u f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| Jintużaw dejjem ŻEWG mezzi indipendenti sabiex it-tagħmir mgħolli jinżamm 'il fuq meta l-ħaddiema jkunu qed jaħdmu taħtu? | ○ | ● |
| Hemm mezzi sabiex jitbiddlu r-roti ta' trakter mingħajr periklu, u dawn jintużaw? | ○ | ● |
| Il-lupa għax-xogħol ta' l-injam hija mgħammra bi skieken tat-tiċrit u tagħmir tas-sigurtà bħal bsaten jew blokki biex timbotta? | ○ | ● |
| It-tagħmir ta' l-iwweldjar għandu l-mezzi ta' sigurtà kollha meħtieġa u huwa miżmum f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| Jintuża tagħmir protettiv personali addattat meta jsir xogħol bil-lupa (eż. qliezet, buts, ingwanti u l-elmu bil-viżiera protettivi u diviża għall-widnejn)? | ○ | ● |
| Hemm struzzjonijiet għal prattika tax-xogħol mingħajr periklu? | ○ | ● |
| L-ispezzjonijiet tat-tagħmir tax-xogħol isiru b'mod regolari? | ○ | ● |
| **TRASPORT U MAGNI** | | |
| L-operaturi kollha tal-vetturi, tat-trakkijiet forklifters jew tat-tagħmir teleskopiku huma mħarrġa b'mod formali u ċċertifikati fit-tħaddim mingħajr periklu tal-magna li jużaw? | ○ | ● |
| It-trakkijiet forklifters, it-tagħmir teleskopiku u l-partijiet li jitwaħħlu magħhom jiġu eżaminati b'mod regolari minn persuni kompetenti? | ○ | ● |
| Ir-razzett huwa organizzat b'mod li l-vetturi jinsaqu mingħajr periklu? | ○ | ● |
| Il-servisbrejks u l-ħendbrejk tat-trakter jinżammu f'kondizzjoni tajba u jiġu eżaminati b'mod regolari? | ○ | ● |
| Il-brejkijiet tat-trejler jaħdmu kif suppost u jistgħu jitħaddmu minn fuq is-sit tat-trakter? | ○ | ● |
| L-anelli tal-ganċijiet u l-unitajiet ta' l-igganċar tal-*pick-up* jiġu kkontrollati b'mod regolari minħabba li jistgħu jittieklu? | ○ | ● |
| F'każ li l-magna tinqaleb, hemm ċinturini tas-sigurtà? | ○ | ● |

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| It-trakters il-qodma huma mgħammra b'ħadida li tirfed is-saqaf minn barra biex tħares il-passiġġieri (kemm-il darba tinqaleb) jew b'kabina ta' sigurtà? | ○ | ● |
| Il-kabini jew il-ħadid li jirfdu s-saqaf ta' vetturi qodma huma kkontrollati għas-sadid u għas-saħħa? | ○ | ● |
| Il-fanali ta' quddiem, l-indikaturi, il-brejkijiet u l-fanali ta' wara jaħdmu? | ○ | ● |
| Il-mirja tal-ġenb qegħdin f'posthom, jinżammu f'kondizzjoni tajba u jinżammu nodfa fuq il-magni kollha li jitħarrku minnhom infushom? | ○ | ● |
| Hemm sistema ta' xogħol mhux perikoluża għal-lest għall-operazzjonijiet li jsiru qrib ħafna tal-linji ta' l-elettriku li jinsabu ma' l-arbli (OHPLs)? | ○ | ● |
| **GĦOLI** | | |
| Hemm sistema ta' xogħol mhux perikoluża fl-għoli (bini, makkinarju, apparat, ġibjuni, eċċ.)? | ○ | ● |
| Is-slielem kollha huma sikuri, xierqa biex jintużaw għal xogħol ta' strapazz u jinżammu kif suppost meta m'humiex qed jintużaw? | ○ | ● |
| Jittieħdu prekawzjonijiet biex ikun żgurat li s-sellum huwa stabbli meta qed jintuża fl-għoli? | ○ | ● |
| Ġew ikkunsidrati alternattivi oħra aktar sikuri minflok sellum sabiex isir xogħol fl-għoli? | ○ | ● |
| Il-munzelli tal-balal qegħdin f'pożizzjoni mhux perikoluża, jiġu stivati u jiżżarmaw mingħajr periklu? | ○ | ● |
| **PESTIĊIDI** | | |
| Il-pestiċidi kollha jinħażnu kif suppost? | ○ | ● |
| Il-ħaddiema kollha li jaħdmu bil-pestiċidi huma mħarrġa b'mod regolari? | ○ | ● |
| Ġew ivvalutati r-riskji għal saħħet il-ħaddiema u persuni oħra minħabba l-pestiċidi u ġew implimentati l-miżuri ta' kontroll? | ○ | ● |
| Jintuża t-tagħmir protettiv personali addattat meta jsir xogħol bil-pestiċidi? | ○ | ● |
| Il-pestiċidi jintużaw mingħajr periklu għall-ambjent? | ○ | ● |
| **TFAL** | | |
| It-tfal jitwaqqfu milli jkollhom aċċess għal postijiet perikolużi (attivitajiet tax-xogħol, il-passaġġ minn fejn ikunu għaddejjin il-vetturi, postijiet fl-għoli, fejn jinħażnu l-likwidi, annimali perikolużi, eċċ.)? | ○ | ● |
| Ir-riskji li tfal iqabbdu xi nirien huma mnaqqsa kemm jista' jkun? | ○ | ● |
| It-tfal huma mwissija dwar il-periklu? | ○ | ● |
| Qed tiġi mħarsa l-liġi dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ meta dawn ikunu qed jaħdmu? | ○ | ● |

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●
*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **ANNIMALI** | | |
| Ħejjejt spazji magħluqa fejn jinżammu l-annimali perikolużi (eż. il-barrin, il-ħnieżer, iż-żwiemel, eċċ.)? | ○ | ● |
| Dawn l-ispazji magħluqa jinżammu f'kundizzjoni tajba u jwaqqfu lin-nies milli jkollhom aċċess għall-annimali? | ○ | ● |
| Jintużaw il-mezzi addattati meta jsir xogħol ma' l-annimali? | ○ | ● |
| Hemm dispobibbli l-mezzi addattati sabiex l-annimali jiġu ttrasportati u dawn jinsabu f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| **PERIKLI BIJOLOĠIĊI** | | |
| Hemm sorsi ta' aġenti bijoloġiċi perikolużi fir-razzett tiegħek (pjanti, annimali jew sustanzi li ġejjin mill-annimali, trab organiku, skart, eċċ.)? | ● | ○ |
| Ġie kkontrollat jew imnaqqas ir-riskju ta' kuntatt ma' aġenti bijoloġiċi perikolużi? | ○ | ● |
| Hemm sistema ta' xogħol mhux perikoluża għal xogħol b'aġenti bijoloġiċi perikolużi? | ○ | ● |
| **ĦAŻNA TAL-LIKWIDI** | | |
| L-imħażen huma mdawra b'ċint jew b'ħajt adattat? Iċ-ċnut jew ħitan jinsabu f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| L-għata tajba ta' l-imħażen u tat-tankijiet ta' taħt l-art qegħdin f'posthom u f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| Ġew stallati barrieri tajbin fuq ir-rampi tat-tagħbija? | ○ | ● |
| Is-sinjali ta' twissija qegħdin fil-post u huma f'kondizzjoni tajba? | ○ | ● |
| **SUSTANZI XOTTI** | | |
| Hemm sistema ta' xogħol mhux perikoluża meta jintużaw sustanzi xotti (qamħ, fertilizzanti, ramel, eċċ.)? | ○ | ● |
| Jitwaqqaf l-aċċess għal fejn huwa maħżun il-qamħ? | ○ | ● |
| **GASS BIJOLOĠIKU** | | |
| Hemm xi postijiet fejn jista' jifforma u jinġabar il-gass bijoloġiku fir-razzett tiegħek (fejn jinħażen id-demel likwidu, fil-postijiet magħluqa fejn jinżammu l-annimali, mill-iskart, fil-bjar, eċċ.)? | ● | ○ |
| Jitwaqqaf l-aċċess għal postijiet bħal dawn? | ○ | ● |
| Jintużaw miżuri li joffru protezzjoni min-nirien? | ○ | ● |
| Hemm sistema ta' kif għandu jsir xogħol b'mod mhux perikoluż f'dawn il-postijiet perikolużi? | ○ | ● |
| **TEMP** | | |
| Il-ħaddiema huma mħarsa milli jkunu esposti għal temperatura għolja, radjazzjoni tax-xemx diretta, temperatura baxxa, xita u rjieħ qawwija? | ○ | ● |





## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

**PERIKLI KOLLHA**

☐ Ikun żgurat li l-impjegati jkunu informati, mgħallma u mħarrġa.

**MAKKINARJU U T-TAGĦMIR TAX-XOGĦOL**

☐ Ikun żgurat li l-magni u t-tagħmir tax-xogħol jitħaddmu minn ħaddiema mħarrġa u awtorizzati.

☐ Ikun żgurat li l-irpari tax-xaftijiet ikkonnettjati mal-volant PTO u l-irpari l-oħra tal-makkinarju u tat-tagħmir tax-xogħol qegħdin f'posthom u f'kondizzjoni tajba.

☐ Jintużaw stands, blokki, ġakks idrawliċi, eċċ. disponibbli u aċċessibbli faċilment bħala mezzi addizzjonali sabiex it-tagħmir merfugħ jinżamm 'il fuq.

☐ Jintuża tagħmir speċjali li jimmaniġġja r-roti, forklifters jew tagħmir li jimmaniġġja l-materjali sabiex jiġu mmaniġġjati r-roti l-kbar ta' wara tat-trakters.

☐ Ikun żgurat li s-sikkina tat-tiċrit tal-lupa tkun istallata kif għandu jkun u li jintużaw il-bsaten u l-blokok li jimbuttaw.

☐ It-tagħmir ta' l-iwweldjar jinżamm f'kundizzjoni tajba u jintuża ħarsien addattat għall-għajnejn.

☐ Jintuża tagħmir protettiv personali apposta meta titħaddem il-lupa.

☐ Isiru spezzjonijiet u eżamijiet b'mod regolari tal-makkinarju u tat-tagħmir tax-xogħol.

**TRASPORT U MAGNI LI JIĊĊAQILQU**

☐ Ikun żgurat li l-vetturi, it-trakkijiet *forklifters* jew it-tagħmir teleskopiku jitħaddmu minn ħaddiema mħarrġa, iċċertifikati u awtorizzati.

☐ L-introduzzjoni ta' sistema f'direzzjoni waħda għat-trasport madwar ir-razzett u post speċifiku biex iduru l-vetturi (bħat-trakkijiet), il-vetturi u min-nies li jmorru bil-mixi ma jgħaddux mill-istess post.

☐ Il-servisbrejks jinżammu f'kondizzjoni tajba, li l-ħendbrejks u l-brejkijiet tat-trejlers jinżammu f'kondizzjoni tajba kif ukoll jiġu aġġustati skond ir-rakkmandazzjonijiet tal-manifatturi.

☐ Il-kontroll regolari ta' l-anelli tal-ġanċijiet u ta' l-unitajiet ta' l-igganċjar tal-*pick-up* minħabba li dawn jistgħu jittieklu u dawk li jkunu marru għandhom jitbiddlu b'mod regolari.

☐ Ikun żgurat li ċ-ċinturini tas-sigurtà jitwaħħlu u jinqaflu jekk il-magna tista' tinqaleb ta' taħt fuq.

☐ Ikunu ipprovduti kabini ta' sigurtà jew ħadid li jirfed is-saqaf ta' vettura minn barra biex jitħarsu l-passiġġieri (kemm-il darba tinqaleb il-vettura) fit-trakters kollha, u għandhom jiġu spezzjonati b'mod regolari.

☐ Spezzjoni regolari ta' kull oġġett tat-tagħmir ta' l-irfigħ.

☐ Ikun żgurat li l-mirja tal-ġenb u ta' wara huma mwaħħlin u jinsabu f'kondizzjoni tajba.

☐ Ikun żgurat li jitwaħħlu fanali u indikaturi li m'għandhomx ħsara u li jaħdmu fuq it-trakters u fuq t-tagħmir tat-trejlers kollha u jinżammu nodfa.

☐ Tinħoloq sistema tax-xogħol mhux perikoluża qrib il-linji ta' l-elettriku mqabbda ma' l-arbli.

☐ Tkun ipprovduta mappa li turi fejn jinsabu l-OHPLs fir-razzett (fejn hemm) u kemm qegħdin fil-għoli.

## Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

### GĦOLI

- ☐ Jitneħħew il-postijiet li mhumiex ta' l-istess għoli jekk ikun possibbli.
- ☐ Jiġu rranġati ċnut jew irpari xierqa għal madwar postijiet perikolużi u dawn għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba.
- ☐ Jitwaħħlu sinjali ta' twissija fil-postijiet addattati.
- ☐ Jintużaw slielem li jinżammu f'kundizzjoni tajba jintrabtu sew sabiex ma jkunx hemm periklu li jiċċaqilqu.
- ☐ Is-slielem jintrefgħu b'mod li ma jkunux ta' periklu u ma jkunux jistgħu jintlaħqu mit-tfal.
- ☐ Tintuża pjattaforma b'gaġġa iddisinjata b'mod xieraq għal xogħol fl-għoli fejn huwa disponibbli trakk *forklifter* jew tagħmir li jimmaniġġja l-materjali.
- ☐ L-użu ta' pjattaforma tax-xogħol mobbli li togħla, krejn li jtella' u jniżżel in-nies, armar f'forma ta' torri jew ekwivalenti (barmil tal-qamħ, pelit jew kaxxa tal-patata m'għandhom qatt jintużaw bħala pjattaforma tax-xogħol).
- ☐ Meta tkun qed tistiva jew tneħħi xi oġġetti fuq xulxin, għamel dan b'mod sistematiku sabiex tiżgura li l-istruttura tibqa' stabbli.

### PESTIĊIDI

- ☐ Tiġi eliminata l-ħtieġa li jintużaw pestiċidi.
- ☐ Jintużaw prodotti li huma ta' l-inqas riskju għas-saħħa.
- ☐ L-isprejers jinħaslu bir-reqqa wara li jintużaw. Dan isir 'il bogħod minn bjar, tfal u annimali.
- ☐ Jintuża t-tagħmir protettiv personali korrett.
- ☐ Il-pestiċidi jinżammu f'maħżen apposta li jingħalaq sabiex ma jkunx hemm aċċess mhux awtorizzat u jkun immarkat b'sinjal ċar li jwissi mill-periklu.

### TFAL

- ☐ It-tfal jinżammu 'l bogħod mill-attivitajiet tal-biedja u mit-traffiku tax-xogħol.
- ☐ Ikun hemm post għal-logħob maqtugħ għalih u mdawwar b'ċint jew irpar ieħor.
- ☐ Jitwaqqaf ix-xogħol meta xi tfal li jkunu waħedhom jitfaċċaw fil-post fejn ikun qed isir ix-xogħol u dawn għandhom jittieħdu minn hemm.
- ☐ Jiġu rranġati sinjali ta' twissija f'postijiet perikolużi u jiġi spjegat xi jfissru lit-tfal.
- ☐ It-tfal jiġu mgħarrfa bil-perikli li għandhom joqogħdu attenti għalihom, u l-postijiet fejn m'għandhomx imorru.
- ☐ Jingħataw informazzjoni, tagħlim u taħriġ lil persuni żgħażagħ li jkunu qed jaħdmu u jkun assigurat li dawn ikunu supervizjonati.

### ANNIMALI

- ☐ L-annimali għandhom jingħataw l-ikel b'mod regolari.
- ☐ L-annimali jitpoġġew fi spazji magħluqa xierqa u jiġi żgurat li jkunu f'kundizzjoni tajba.
- ☐ Jitwaħħlu sinjali ta' twissija f'postijiet addattati.
- ☐ Jiġu pprovduti mezzi xierqa sabiex l-annimali jiġu mmaniġġjati u ggwidati, u jkun żgurat li jekk jintużaw għax-xogħol, dan isir kif suppost.
- ☐ Jiġu pprovduti l-mezzi addattati għat-trasport ta' l-annimali u dawn għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba.

### PERIKLI BIJOLOĠIĊI

- ☐ Jiġu eliminati s-sorsi ta' aġenti bijoloġiċi perikolużi.
- ☐ Is-sorsi jinżammu 'l bogħod min-nies.
- ☐ Jiġu rranġati ċnut jew irpari addattati madwar żoni perikolużi u jiġi żgurat li jkunu f'kondizzjoni tajba.
- ☐ Jitwaħħlu sinjali ta' twissija f'postijiet xierqa.
- ☐ Jintużaw miżuri ta' diżinfezzjoni.
- ☐ Jitlaqqmu l-ħaddiema.
- ☐ Jiġu pprovduti miżuri iġjeniċi għax-xogħol.
- ☐ Jintuża t-tagħmir protettiv personali korrett.
- ☐ Jiġi żgurat monitoraġġ tas-saħħa regolari.

### ĦAŻNA TAL-LIKWIDI

- ☐ Jiġu rranġati ċnut jew irpari addattati madwar żoni ta' ħażna u jiġi żgurat li jkunu f'kondizzjoni tajba.
- ☐ Jiġi żgurat li l-għata ta' l-imħażen u tat-tankijiet ta' taħt l-art ikunu f'kondizzjoni tajba.
- ☐ Tkun żgurata l-kondizzjoni tajba ta' l-ilqugħ ta' fuq ir-rampi.
- ☐ Jitwaħħlu sinjali ta' twissija f'postijiet xierqa.

### SUSTANZI XOTTI

- ☐ Jiġu rranġati miżuri li bihom ma jkunx hemm aċċess għall-postijiet fejn qed jinħażen il-qamħ.
- ☐ Jitwaħħlu s-sinjali ta' twissija f'postijiet addattati.
- ☐ Jintużaw sinjali bid-dawl u bil-ħsejjes sabiex iwissu lin-nies li jkunu fil-qrib.
- ☐ Il-persuni li m'humiex awtorizzati jinżammu 'l bogħod mill-post tax-xogħol.

### GASS BIJOLOĠIKU

- ☐ Jiġu eliminati s-sorsi ta' gass bijoloġiku.
- ☐ Ikunu prevenuti jew eliminati s-sorsi li bihom jista' jieħu in-nar.
- ☐ Tiġi żgurata ventilazzjoni fiż-żoni perikolużi.
- ☐ Jiġu rranġati ċnut jew irpari madwar żoni perikolużi u jiġi żgurat li dawn ikunu f'kondizzjoni tajba.
- ☐ Jiġu żgurati miżuri li joffru protezzjoni min-nirien.
- ☐ Jitwaħħlu sinjali ta' twissija.
- ☐ Ma jitħallewx ħaddiema jaħdmu waħedhom f'żoni perikolużi.

### TEMP

- ☐ Jitwaqqaf ix-xogħol meta t-temp ikun ħażin ħafna.
- ☐ Jiġu organizzati postijiet kennija u bi provvista ta' l-ilma, sabiex il-ħaddiema jistkennu mix-xemx u jinxfu jekk ikunu xxarrbu fix-xita.
- ☐ Ikun hemm limitu għall-ħin li wieħed iqatta' barra.
- ☐ Jintuża lbies protettiv addattat.

# Lista ta' kontroll: Xogħol f'barriera

## Parti A: Il-periklu jeżisti fil-post tax-xogħol?

IVA – jekk ittikkjajt għall-inqas tweġiba waħda li hija mmarkata b' ●

*Jekk jogħġbok innota li l-lista t'hawn taħt ma tkoprix il-każi kollha possibbli fejn hemm il-perikli.*

| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **META JIŻŻERŻAQ IL-MATERJAL MAL-ĠENB** | | |
| Jistgħu l-materjali, iż-żrar u r-ramel, eċċ. jiżżerżqu minn mal-ġnub? | ● | ○ |
| Hemm xi ħofor jew gandotti li mhumiex immarkati, u li ħadd m'hu għassa tagħhom? | ● | ○ |
| Hemm xi depożiti, il-ġnub ta' xi saffi jew skavar li m'humiex żgurati? | ● | ○ |
| Hemm xi faċċata, ġenb jew saff li qegħdin mingħajr appoġġ u jinħadmu b'mod li jikkawżaw xi sporġenza jew minħabba li l-ġebel ikun qed jinqata' l'isfel mill-wiċċ? | ● | ○ |
| It-tħaffir b'mod manwali jew il-qtugħ ta' ġebel qabel ma jsir it-tħaffir isir f'żewġ saffi tal-barriera fl-istess ħin? | ● | ○ |
| Ikun hemm tibdiliet f'daqqa fil-wiċċ tal-barriera waqt li jkun qed isir ix-xogħol? | ● | ○ |
| Ir-rotot għall-vetturi lejn il-postijiet tax-xogħol qegħdin f'periklu minħabba, per eżempju, xi żrar li jiżżerżaq 'l isfel? | ● | ○ |
| Il-ħajt tal-faċċata jew ta' mal-ġenb huwa ogħla minn 1.5 metru, u qiegħed mingħajr appoġġ addattat? | ● | ○ |
| **ILMA** | | |
| Hemm xi perikli mill-ilmijiet fil-barriera? | ● | ○ |
| Hemm xi ġibjun ta' l-ilma qrib it-tħaffir, li m'għandux x'jaqsam max-xogħol fil-barriera? | ● | ○ |
| Jiġi ċċekkjat kemm għad fadal biex tilħaq il-livell ta' l-ilma taħt l-art mill-inqas darba kull sitt xhur? | ● | ○ |
| Hemm xi possibbiltà li l-ilma minn xi għadira fil-qrib jista' jsib triqtu għall-barriera? | ● | ○ |
| Ir-rotot ta' ħruġ f'każ ta' emerġenza huma mmarkati? | ● | ○ |
| Il-kanali għall-ilma ngħalqu? | ● | ○ |
| L-ammont tax-xita li jinżel matul jum jista' jkun akbar minn kemm jifilħu l-pompi f'36 siegħa? | ● | ○ |
| Il-fluss 'il ġewwa ta' l-ilma mit-tħaffir huwa akbar minn kemm jifilħu l-pompi f'24 siegħa? | ● | ○ |
| **XOGĦLIJIET TAT-TRASPORT** | | |
| Il-ħaddiema jimxu matul jew min-naħa għall-oħra tat-trasportaturi tal-passarella temporanja? | ● | ○ |
| L-inklinazzjoni tat-tħaffir hija ikbar minn 4°? | ● | ○ |
| Tista' l-parti ta' magna li tiġgotta l-ilma (bailer) jew xi istrument li jġħabbi jiċċaqilqu 'il fuq mill-kabina tas-sewwieq? | ● | ○ |
| Jistgħu l-ħaddiema jkunu fin-nofs meta jkunu għaddejjin il-vetturi? | ● | ○ |





| MISTOQSIJA | IVA | LE |
|---|---|---|
| **SPLUSSIVI U IBBLASTJAR** | | |
| Jintużaw splussivi? | ● | ○ |
| Jistgħu l-imħażen fejn jinżammu l-materjali esplussivi jikkawżaw periklu lill-istrutturi l-oħra tal-barriera? | ● | ○ |
| Iż-żoni ta' madwar l-imħażen tal-materjali esplussivi għandhom xi perikli li jistgħu jikkawżaw splużjoni? | ● | ○ |
| Waqt l-ibblastjar ġieli jkun hemm misfires? | ● | ○ |
| L-isplussiv jista' jiddaħħal fit-toqob ta' l-isplussivi (blast holes) li kienu ngħalqu? | ● | ○ |
| Hemm xi għodod li jistgħu jtajru ix-xrar li jintużaw waqt li jkunu ċċarġjati t-toqob bl-isplussivi (blast holes)? | ● | ○ |
| Hemm xi splussivi li mhux qed jintużaw li qed jinżammu qrib iż-żona ta' l-ibblastjar? | ● | ○ |
| Hemm xi nuqqasijiet fil-mod kif isiru s-sinjali qabel isir l-ibblastjar? | ● | ○ |
| Id-detonaturi u l-isplussivi jinżammu jew jinġarru flimkien? | ● | ○ |
| Isir xogħol fiż-żona 'il fejn imorru t-trab u l-prodotti gassużi wara l-isplużjoni? | ● | ○ |

POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

# Parti B: Eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jintużaw sabiex jitnaqqsu r-riskji

## META JIŻŻERŻAQ IL-MATERJAL MAL-ĠENB

- ☐ Jittellgħu ċnut jew irpar madwar iż-żoni fejn isir it-tħaffir, fejn jintrema' l-iskart, fejn jintrema' t-terrapien mill-barriera jew madwar xi post instabbli tat-tħaffir.
- ☐ Jiġu mmarkati s-siti perikolużi b'sinjali ta' twissija.
- ☐ Għoli kemm suppost ta' skarpi u l-inklinaturi matul xogħol fil-barriera, skond il-kondizzjonijiet ġeoloġiċi u l-proprjetajiet tal-blat.
- ☐ Tiġi applikata sistema ta' saffi mtarrġa minflok ma jkun hemm ħofra b'ħajt wieqaf.
- ☐ Il-munzelli ta' żrar, ramel, eċċ għandhom jinżammu f'angolu (ta' mhux aktar minn 45 grad) sabiex ikun żgurat li huma stabbli.
- ☐ Jitħarsu u jiġu mmarkati t-truf ta' fuq u t'isfel ta' sezzjonijiet perikolużi tal-ħitan.
- ☐ Fl-ebda ċirkustanza m'għandha tinħadem xi faċċata, ġenb jew saff b'mod li jkun hemm sporġenza jew spazju minħabba li nqatgħet parti l'isfel mill-wiċċ.
- ☐ Il-ħitan u l-ħitan tal-ġenb jitħarsu permezz ta' xbieki protettivi.
- ☐ Il-ħaddiem għandu jagħmel xogħol ta' tqaxxir minn post mhux perikoluż.
- ☐ Jekk huwa possibbli, wieħed għandu jibda min-naħa ta' fuq meta jkun qed jagħmel xogħol ta' tqaxxir.
- ☐ Il-ħaddiem li jkun qed jagħmel xogħol ta' tqaxxir għandu juża għodda apposta ta' tul u binja addattati.
- ☐ Għandu jkun hemm monitoraġġ kostanti ta' l-istat tal-barriera.
- ☐ Il-ġebel u t-terrapien għandu jinżamm biss f'postijiet maħsuba apposta, aktar minn 3 metri 'il bogħod mit-tarf tax-xogħol.
- ☐ Fejn huwa essenzjali li jkun hemm spazju minħabba li tinqata' parti min-naħa t'isfel tal-faċċata fejn qed isir ix-xogħol, għandu jsir appoġġ (eż. sostenni b'saħħithom ta' l-injam) sabiex il-materjal sporġut ma jċedix.

## ILMA

- ☐ Teħles mir-riservi ta' l-ilma li mhumiex meħtieġa (jekk ikun possibbli).
- ☐ Taħseb għall-kolonni tas-sigurtà għall-korsijiet ta' l-ilma li jkun hemm fil-qrib.
- ☐ Tiċċekkja regolarment is-sistemi tad-drenaġġ tal-barriera.
- ☐ Jiġi ddeterminat (permezz tad-*despatcher*) il-mod kif il-ħaddiema jitilqu mill-postijiet tax-xogħol f'każ ta' periklu minħabba l-ilma.
- ☐ Kemm jista' jkun possibbli, ix-xogħol fil-barriera għandu jkun organizzat b'mod li l-ilma jiżbokka b'mod naturali (eż. f'barriera abbandunata biswit).
- ☐ Li l-ilma li jidħol jiġi dirett għall-post fejn jinġabar sabiex il-materjal maħżun ikun protett minn xi ħsara mill-ilma jċarċar speċjalment mal-ġnub. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu stallati pompi ta' l-ilma f'dawn il-postijiet.

## XOGĦLIJIET TA' TRASPORT

- ☐ Jingħażlu u jinħolqu passaġġi mingħajr periklu għall-membri ta' l-ekwipaġġ 'il fuq mit-trasportaturi (fejn hemm).
- ☐ It-trasportaturi jingħataw apparati ta' sigurtà sabiex il-materjal ma jaqgħax minn fuqhom.
- ☐ Tiddaħħal ordni formali li ma tistax timbotta manwalment xi materjal b'inklinazzjoni ta' aktar minn 4°.
- ☐ Tiddaħħal sistema ta' komunikazzjoni u sinjali għall-ħaddiema tat-trasport.
- ☐ Jiġi ddeterminat f'liema tip ta' kabini m'għandhomx jitħallew ħaddiema waqt li l-vettura tkun qed titgħabba.
- ☐ Il-pjattaformi tat-tagħbija isirulhom barrieri li ma jħallux li l-apparat fejn jitgħabba l-materjal jirrombla 'l isfel.
- ☐ Tiġi introdotta spezzjoni obbligatorja tal-ħbula u tal-mekkaniżmu minn fejn jgħaddu l-kejbils fil-bidu ta' kull xift tax-xogħol.

## SPLUSSIVI U BLASTJAR

- ☐ Jintużaw materjali li m'humiex kombustibbli, li huma reżistenti għan-nar u li ma joħolqux xrar meta jinbnew imħażen għal materjal esplussiv.
- ☐ L-imħażen tal-materjali esplussivi għandu jkollhom ert meta jkunu magħmula mill-metall.
- ☐ Jitqiegħdu toqob għall-ventilazzjoni fil-parti ta' fuq u t'isfel tal-bini sabiex ikunu kkontrollati l-indewwa u s-sħana eċċessiva.
- ☐ Jitqiegħdu sinjali ta' twissija addattati li jindikaw il-kontenut ta' l-imħażen.
- ☐ Jiġu stallati apparati ta' sigurtà korretti sabiex persuni li m'humiex awtorizzati ma jitħallewx jidħlu.
- ☐ Jiġi żgurat li d-detonaturi ma jinżammux fl-istess maħżen flimkien ma' splussivi oħra, sakemm ma jinżammux f'kompartiment separat.
- ☐ Jiġi żgurat li ż-żoni ta' madwar il-maħżen tal-materjali esplussivi huma ħielsa mill-iskart, splussivi, mill-ħaxix niexef u mis-sigar f'radju ta' 10 metri.
- ☐ Jiġi żgurat li m'hemm l-ebda materjal kombustibbli ieħor (eż. il-gażolina; id-diżil) maħżun f'radju ta' 20 metru mill-maħżen.
- ☐ Jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jidħol fiż-żona ta' l-isplużjoni għal nofs siegħa wara l-isplużjoni.
- ☐ Jiġi kkontrollat jekk kienx hemm xi *misfire*.
- ☐ Ikun ikkontrollat li t-toqob li fihom ikun hemm l-isplussivi ma fihomx ostakli li, safejn huwa possibbli, għandhom jitneħħew.
- ☐ L-isplussivi m'għandhomx jingħafsu bis-saħħa f'toqba, tkun xi tkun ir-raġuni.
- ☐ L-isplussivi fit-toqob maħsuba għalihom għandhom jitqiegħdu biss permezz ta' tagħmir li ma jtajjarx xrar, bħalma huma l-vireg li jiċċarġjaw magħmula minn xorta ta' bambù.
- ☐ Jintuża ramel fin f'pakketti żgħar tal-karti jew "taljatelli" tat-tafal bħala rass u sadd.
- ☐ Malli jkun prattikabbli wara li jitlesta l-iċċarġjar, għandhom jitqiegħdu materjali splussivi li ma ntużawx f'post protett.

## POST GHAL KUMMENTI TIEGHEK

TE-78-07-073-MT-C

Fejn tikseb aktar informazzjoni

**Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**
17 Triq Edgar Ferro, Pietà MSD 07 – Malta, Tel: 21 24 76 77 / 8, Fax: 21 23 29 09
Email: ohsa.communications@gov.mt, Website: www.ohsa.org.mt

**Euro Info Centre, Malta Enterprise, Enterprise Centre, Industrial Estate**
San Gwann, SGN 09 – Malta, Tel: 25 42 34 43 / 25 42 34 40, Fax: 24 52 34 09
Email: eic@maltaenterprise.com, Website: www.eic.maltaenterprise.com

© European Agency for Safety and Health at Work. Reproduction is authorised provided the source is acknowledged. Printed in Nurnberg, Germany, 2007.
Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

**http://hwi.osha.europa.eu**

EURO INFO CENTRE

FLIMKIEN
MILL-1957